Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2184(INI)

23.4.2026

EMENDI
81 - 408

Abbozz ta' rapport
Hristo Petrov
(PE785.214v01-00)

L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u s-sostituzzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ April 2013 dwar l-istabbiliment ta’ Garanzija għaż-Żgħażagħ
(2025/2184(INI))

Emenda 81
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali;	1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali; ***jistieden lill-Istati Membri jirriċerkaw approċċi ffukati fuq iż-żgħażagħ li jtejbu t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol, jippromwovu l-intraprenditorija u jiżguraw li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu malajr,***

Or. en

Emenda 82
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali;	1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali; ***jissottolinja, barra minn hekk, li t-titjib tal-indikaturi ġenerali tal-impjieg ma jridx jaħbi l-proliferazzjoni ta' xogħol prekarju, b'paga baxxa jew għal żmien***

qasir fost iż-żgħażagħ;

Or. el

Emenda 83
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali;	1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali***[18a]***; ***jinnota li s-sitwazzjoni hija partikolarment inkwetanti għan-nisa żgħażagħ, għaż-żgħażagħ b'diżabilità, għaż-żgħażagħ Rom, u għaż-żgħażagħ f'kura residenzjali;***

[18a] https://doi.org/10.2908/UNE_RT_A.

Or. en

Emenda 84
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-	1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-

rata għall-popolazzjoni ġenerali;	rata għall-popolazzjoni ġenerali; ***jisħaq, madankollu, li t-tnaqqis fil-qgħad mhux neċessarjament jirrifletti titjib fil-kwalità tal-impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ;***

Or. el

Emenda 85
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla ***mir-rata*** għall-popolazzjoni ġenerali;	1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom ***madwar l-Unjoni*** hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla ***minn dik*** għall-popolazzjoni ġenerali; ***jissottolinja li l-RYG għandha l-potenzjal li tnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ u taġixxi bħala miżura preventiva;***

Or. en

Emenda 86
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-iskadenza ta' erba' xhur biex tiġi pprovduta offerta hija sinifikanti biss jekk l-offerta tkun ġenwinament ta' kwalità għolja, li twassal għal impjieg sostenibbli bi prospetti u remunerazzjoni adegwata u li

tiggarantixxi l-għajxien;

Or. en

Emenda 87
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jilqa'*** x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE ***mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ***, li naqset għal 11.1 % fl-2024; ***jinnota***, madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira tal-2030 u oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs;	2. ***Jinnota*** x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE, li naqset għal 11.1 % fl-2024; ***jirrimarka***, madankollu, ***li huwa impossibbli li dan it-tnaqqis jiġi attribwit għall-effikaċja tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, peress li l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tiddependi primarjament fuq il-kompetittività tal-kumpaniji domestiċi u l-bidliet demografiċi; jinnota, barra minn hekk, distakk territorjali sinifikanti u*** disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira tal-2030 u oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs***, b'mod partikolari f'żoni rurali ttraskurati***;

Or. fr

Emenda 88
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li naqset għal 11.1 % fl-2024; jinnota,	2. Jilqa' x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li naqset għal 11.1 % fl-2024; jinnota,

madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira tal-2030 u oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs;	madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira tal-2030 u oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs; ***jisħaq, għalhekk, li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandha tippermetti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biżżejjed flessibbiltà fit-tfassil ta' miżuri adattati għar-realtajiet speċifiċi u attwali tas-suq tax-xogħol tagħhom;***

Or. en

Emenda 89
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li naqset għal 11.1 % fl-2024; jinnota, madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira ***tal-2030 u*** oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs;	2. Jilqa' x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li naqset għal 11.1 % fl-2024; jinnota, madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira ***tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR li jnaqqsu r-rata ta' NEETs għal 9 % sal-2030, filwaqt li*** oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs;

Or. en

Emenda 90
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg	2. Jilqa' x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg

jew taħriġ (NEET) fl-UE mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li naqset għal ***11.1 % fl-2024***; jinnota, madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira tal-2030 u oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs;	jew taħriġ (NEET) fl-UE mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li naqset għal ***10.9 % fl-2025***; jinnota, madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira tal-2030 u oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs;

Or. en

Emenda 91
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrikonoxxi li l-kwalità tal-impjiegi tibqa' sfida ewlenija fl-impjieg taż-żgħażagħ u li l-politiki pubbliċi għandhom jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra forom prekarji ta' xogħol, inklużi traineeships mhux imħallsa jew mhux imħallsa biżżejjed, xogħol part-time involontarju, xogħol temporanju ma' aġenzija u xogħol mhux iddikjarat, filwaqt li jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u edukazzjoni sostenibbli u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 92
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-	3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-

iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; ***jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %);***	iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;

Or. el

Emenda 93
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %);	3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %); ***jitlob għalhekk proċeduri aktar sempliċi u involviment aktar b'saħħtu tal-impjegaturi u tal-atturi lokali, sabiex titħaffef it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mit-tħejjija għall-impjieg permezz ta' opportunitajiet aktar prattiċi u bbażati fuq ix-xogħol;***

Or. en

Emenda 94
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %);	3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %); ***jesprimi tħassib partikolari dwar il-fatt li ż-żgħażagħ jinqabdu f'ċikli ta' miżuri standardizzati mingħajr aċċess għal xogħol stabbli u dinjituż;***

Or. el

Emenda 95
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %);	3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %); ***jiddeplora l-fatt li r-rata ta' kopertura tal-iskemi tal-RYG kienet inqas minn 50 % tal-popolazzjoni tan-NEETs f'ħafna Stati Membri fl-2024[1a];***

[1a] Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni

Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2025 bit-titolu "The implementation of the reinforced Youth Guarantee — Trends in EU Member States, impact, EU funding and governance" (L-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa — Xejriet fl-Istati Membri tal-UE, l-impatt, il-finanzjament tal-UE u l-governanza) ippubblikata mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew,

Or. en

Emenda 96
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %);	3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %)***[19a], li jindika li l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ mhumiex qed jilħqu l-objettivi ewlenin tagħhom f'termini ta' puntwalità u effettività***;

[19a] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, 'Data table on Youth Guarantee Direct indicators' (Tabella tad-data dwar l-indikaturi Diretti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ), Frar 2026.

Or. en

Emenda 97
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jinnota bi tħassib li l-RYG għadha ma laħqitx l-objettiv ewlieni tagħha li tipprovdi offerti f'waqthom, hekk kif nofs il-parteċipanti rreġistrati ma rċevewx u ma aċċettawx offerta fi żmien erba' xhur, u li xi Stati Membri esperjenzaw dewmien partikolarment għoli u, f'ċerti każijiet, saħansitra deterjorament fil-prestazzjoni minn meta ssaħħet il-Garanzija għaż-Żgħażagħ fl-2020[1a];
	[1a] Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2025 bit-titolu "The implementation of the reinforced Youth Guarantee — Trends in EU Member States, impact, EU funding and governance" (L-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa — Xejriet fl-Istati Membri tal-UE, l-impatt, il-finanzjament tal-UE u l-governanza) ippubblikata mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew,

Or. en

Emenda 98
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jissottolinja li bħalissa mhux iż-żgħażagħ kollha jirċievu offerta ta' impjieg, edukazzjoni, taħriġ jew internship ta' kwalità għolja fi żmien

erba' xhur wara li jitilqu mill-iskola, ilestu t-taħriġ vokazzjonali, jew jisfaw qiegħda;

Or. en

Emenda 99
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri;	***imħassar***

Or. el

Emenda 100
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri;	4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri***, b'mod partikolari meta titqies l-estensjoni tal-età għal 29 sena**; **jenfasizza n-nuqqas ta' data komparabbli u diżaggregata, inkluż skont il-ġeneru, l-età, id-diżabilità, l-isfond tal-migrazzjoni u l-istatus soċjoekonomiku; jinnota li n-nisa żgħażagħ huma affettwati b'mod sproporzjonat, b'rati ta' NEET li jaqbżu dawk tal-irġiel żgħażagħ f'ħafna Stati Membri, u li l-iskemi eżistenti ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ spiss jonqsu milli jilħqu lill-benefiċjarji fil-mira kollha b'mod ugwali; jappella għal oqfsa ta' monitoraġġ imsaħħa, ġbir imtejjeb tad-***

data u trasparenza, u l-iżvilupp ta' indikaturi robusti u armonizzati biex jiġu vvalutati b'mod effettiv il-kwalità, l-inklużività u l-eżiti fit-tul tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ;

Or. en

Emenda 101
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri;	4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri***, u dan jipprevjeni valutazzjoni komprensiva tas-sostenibbiltà tal-iskemi tal-RYG u l-effetti fit-tul tagħhom, kif ukoll paraguni bejn l-Istati Membri***; ***jenfasizza f'dan il-kuntest li d-data disponibbli tindika li l-maġġoranza taż-żgħażagħ kienu f'sitwazzjoni pożittiva sitt xhur wara li telqu mill-iskemi tal-RYG fl-2024 (58.3 %), iżda li dan il-proporzjon jonqos wara 12 (53.1 %) u 18-il xahar (30.3 %)[20a];***

[20a] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, 'Data table on Youth Guarantee Follow-up indicators' (Tabella tad-data dwar l-indikaturi ta' Segwitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ), Diċembru 2025.

Or. en

Emenda 102
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu ***jbatu*** minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri;	4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu ***huma mxekkla*** minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri; ***jiddispjaċih li l-ġbir usa' tad-data dwar l-RYG ma kienx biżżejjed u jenfasizza, b'mod partikolari, il-ġbir inadegwat tad-data għall-grupp ta' età bejn il-25 u d-29 sena; jenfasizza n-nuqqas ta' rekwiżiti għall-Istati Membri biex jirrapportaw il-finanzjament nazzjonali għal miżuri li jimplimentaw l-RYG, u dan jillimita l-komparabbiltà u l-evalwazzjoni fl-Unjoni kollha;***

Or. en

Emenda 103
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri;	4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri***, b'mod partikolari meta titqies l-estensjoni tal-età sa 29 sena***;

Or. en

Emenda 104
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

4a. Iqis li l-qafas tal-indikaturi attwali għall-RYG jiffoka primarjament fuq metriċi kwantitattivi tal-prestazzjoni bħar-rati tan-NEET, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-ħruġ f'waqtu mill-faži preparatorja; jisħaq li dan l-approċċ jonqos milli jirrifletti l-kwalità tal-offerti jew il-grad ta' prekarjetà fl-impjieg taż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 105
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mekkaniżmi mtejba ta' trasparenza, obbligu ta' rendikont u evalwazzjoni biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE u dawk nazzjonali allokati għall-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jintużaw b'mod effiċjenti u jagħtu riżultati li jistgħu jitkejlu;

Or. en

Emenda 106
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ***ċerti żgħażagħ*** jinsabu f'sitwazzjoni ***soċjali*** partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;	5. Jissottolinja li ***ż-żgħażagħ, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet,*** jinsabu f'sitwazzjoni ***soċjo-ekonomika*** partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-

iżvilupp tal-ħiliet***, u jkun aktar diffiċli li jinkiseb aċċess għal gruppi aktar vulnerabbli bħan-nisa, iż-żgħażagħ razzjalizzati, iż-żgħażagħ b'diżabilità, iż-żgħażagħ minn territorji remoti jew rurali jew bi sfond ta' migrazzjoni***; ***jisħaq li s-suċċess tal-RYG jimxi id f'id ma' azzjoni f'oqsma oħra, inklużi l-familja, l-akkomodazzjoni, l-indokrar tat-tfal, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni intersezzjonali marbuta mal-ġeneru, l-etniċità jew ir-razza, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali; jenfasizza li tali inugwaljanzi strutturali jirrikjedu miżuri mmirati u inklużivi biex jiġu indirizzati dawn id-disparitajiet u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd;***

Or. en

Emenda 107
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;	5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet; ***jisħaq li dawn il-gruppi jinkludu, fost l-oħrajn, żgħażagħ b'diżabilità, żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali, insulari, remoti jew urbani deprivati, żgħażagħ li jitilqu minn istituzzjonijiet jew sistemi ta' kura alternattiva, kif ukoll żgħażagħ bi problemi ta' saħħa mentali;***

Or. el

Emenda 108
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ***ċerti*** żgħażagħ ***jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment*** vulnerabbli ***u jiffaċċjaw riskju*** ogħla ta' ***qgħad, kif ukoll*** ostakli strutturali ***għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet***;	5. Jissottolinja li ***n-NEETs huma grupp varjat ħafna ta'*** żgħażagħ***, b'xi wħud ikunu aktar*** vulnerabbli ***jew aktar diffiċli biex jintlaħqu, u b'hekk f'riskju*** ogħla ta' ***esklużjoni mis-suq tax-xogħol u soċjali; jinnota li l-istigmatizzazzjoni, in-nuqqas ta' fiduċja istituzzjonali u n-nuqqas ta' appoġġ soċjali jistgħu jaġixxu bħala*** ostakli strutturali ***għall-parteċipazzjoni fl-RYG; jinsab imħasseb li l-iskemi tal-RYG spiss jagħtu prijorità liż-żgħażagħ li diġà huma eqreb tas-suq tax-xogħol, u b'hekk żgħażagħ oħra fil-bżonn ta' miżuri aktar immirati, proattivi u personalizzati jitħallew lura***;

Or. en

Emenda 109
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;	5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet; ***ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza li jingħata appoġġ lin-NEETs inattivi fuq l-istess livell ta' dak ipprovdut għan-NEETs qiegħda; jinsab imħasseb dwar il-fatt li għadd ta' żgħażagħ jerġgħu jidħlu fil-kategorija NEET ftit ta' żmien wara li jitilqu mill-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;***

Or. en

Emenda 110
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad**,** kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;	5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ ***jiffaċċjaw żvantaġġi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u*** jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli ***minħabba l-faqar, il-kundizzjonijiet tas-saħħa, eċċ.*** u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet**,** ***bħall-għajxien f'żoni rurali jew remoti***;

Or. en

Emenda 111
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;	5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli**,** ***inklużi ż-żgħażagħ b'diżabilità, iż-żgħażagħ LGBTIQ+, il-migranti żgħażagħ u dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet prekarji ta' akkomodazzjoni*** u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;

Or. el

Emenda 112
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;	5. Jissottolinja li ***l-NEETs huma grupp eteroġenju, u*** ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet ***b'rabta mas-suq tax-xogħol***; ***It-tfassil tal-politika sod jeħtieġ fehim profond tal-gruppi fil-mira;***

Or. en

Emenda 113
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;	5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ***, bħal dawk b'diżabilità u dawk li ġejjin minn żoni żvantaġġati,*** jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;

Or. en

Emenda 114
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza s-sitwazzjoni kumplessa tan-NEETs fiż-żoni rurali, li jiffaċċjaw aċċess aktar limitat għas-servizzi, b'mod

partikolari s-servizzi pubbliċi tal-impjieg, iżda wkoll għall-għażliet tat-trasport u l-opportunitajiet ta' impjieg u taħriġ; jiddispjaċih li n-NEETs fiż-żoni rurali mhumiex meqjusa bħala grupp ta' prijorità fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u dan jillimita l-miżuri mmirati lejn dan il-grupp u l-għarfien tagħhom dwar il-programmi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-opportunitajiet ta' appoġġ;

Or. en

Emenda 115
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja li l-ġenituri żgħażagħ bit-tfal, u b'mod partikolari l-ommijiet żgħażagħ jiffaċċjaw riskju akbar li jsiru jew jibqgħu NEET minħabba responsabbiltajiet ta' kura, aċċess limitat għal indokrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità, u n-nuqqas ta' opportunitajiet flessibbli ta' edukazzjoni, taħriġ u impjieg;

Or. en

Emenda 116
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja l-ħtieġa li jinħolqu kampanji ta' informazzjoni biex jiżdied l-għarfien dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost iż-żgħażagħ kollha, b'mod

partikolari dawk f'riskju li jiġu esklużi mill-opportunitajiet tal-RYG;

Or. en

Emenda 117
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jenfasizza l-impatt sproporzjonat tal-pandemija tal-COVID-19 fuq iż-żgħażagħ u r-rwol stabbilizzanti importanti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fil-prevenzjoni ta' kriżi ġdida tal-qgħad fost iż-żgħażagħ f'dan il-kuntest; iqis li, issa li l-effetti ta' dan il-perjodu ngħelbu, l-objettiv il-ġdid tal-RYG għandu jkun it-tnaqqis tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ li huma l-aktar diffiċli biex jintlaħqu;

Or. en

Emenda 118
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Ifakkar fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) li tenfasizza li anke f'pajjiżi b'introjtu għoli, in-NEETs żgħażagħ barra mis-suq tax-xogħol, u speċjalment in-nisa żgħażagħ b'responsabbiltajiet ta' kura, huma f'riskju akbar ta' esklużjoni ekonomika u soċjali fit-tul, u dan jikkontribwixxi għal differenza dejjem akbar bejn il-ġeneri fin-NEETs maż-żmien;

Or. en

Emenda 119
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Josserva żbilanċ fl-opportunitajiet offruti taħt l-iskemi tal-RYG, b'enfasi fuq l-impjieg għad-detriment tal-opportunitajiet ta' taħriġ, li jmur kontra l-objettiv strateġiku tal-RYG li tippromwovi l-ħiliet; jisħaq li ma hemm l-ebda indikazzjoni li dan l-iżbilanċ huwa ġġustifikat mill-profili tan-NEETs jew l-objettiv tal-integrazzjoni sostenibbli tagħhom fis-suq tax-xogħol; jinnota f'dan ir-rigward li xi skemi nazzjonali jindikaw li l-ħaddiema żgħażagħ f'impjieg issussidjat huma aktar probabbli li jitilqu minn dak l-impjieg minn dawk f'kollokamenti mhux issussidjati jew dawk li jibbenefikaw minn approċċ integrat li jikkombina t-taħriġ u l-impjieg[21a]; barra minn hekk, jiddispjaċih li l-attraenza tal-apprendistati qed tonqos f'diversi Stati Membri;
	[21a] Cabasés, M. À., u Úbeda, M., The Youth Guarantee in Spain: A worrying situation after its implementation (Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ fi Spanja: Sitwazzjoni inkwetanti wara l-implimentazzjoni tagħha, 2021, pp. 96–97.

Or. en

Emenda 120
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jisħaq li l-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (ELET) huma f'riskju ferm ogħla li jsiru NEET u li jiġu esklużi soċjalment fit-tul, filwaqt li l-kostijiet imġarrba mis-soċjetà jikkostitwixxu piż ekonomiku, rifless fl-impatti negattivi annwali fuq ir-rati tal-impjiegi, il-koeżjoni soċjali, u l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 121
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5d. Jirrimarka li l-faqar fost it-tfal u ż-żgħażagħ għandu impatti tul il-ħajja fuq l-edukazzjoni, is-saħħa u l-impjiegi, u għandu impatt annwali sinifikanti fuq il-PDG; billi l-faqar fost it-tfal u ż-żgħażagħ jingħadda minn ġenerazzjoni għall-oħra;

Or. en

Emenda 122
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-	6. ***Jenfasizza l-feedback ġeneralment pożittiv dwar il-fużjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fl-FSE+, filwaqt li jinnota aċċess u simplifikazzjoni mtejba;*** jenfasizza li l-

żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; jiddispjaċih ħafna li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034;

integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; jiddispjaċih ħafna li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034; ***jemmen li n-nuqqas ta' allokazzjoni speċifika għall-impjieg taż-żgħażagħ jirriskja li jwassal għal finanzjament inadegwat, kif enfasizzat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri qabel l-introduzzjoni tagħha[22a];***

[22a] Ir-Rapporti Speċjali nru 3/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tal-24 ta' Marzu 2015 bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE: ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni", p 24.

Or. en

Emenda 123
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; ***jiddispjaċih ħafna*** li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-	6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; ***jinnota*** li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-

Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034;	Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034; ***jisħaq li l-Istati Membri waħedhom huma responsabbli li jiddeterminaw il-fondi u l-prijoritajiet strateġiċi użati biex jappoġġjaw liż-żgħażagħ tagħhom, u ma għandhomx ikunu mġiegħla jaderixxu ma' talbiet baġitarji vinkolanti li huma ċentralizzati fil-livell tal-UE;***
	Or. fr

Emenda 124
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; ***jiddispjaċih ħafna*** li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034;	6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; ***jiddeplora*** li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034; ***jappella għal FSE awtonomu u separat fil-QFP 2028–2034 biex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti, prevedibbli u mmirat għall-implimentazzjoni effettiva tal-RYG fl-Istati Membri kollha, u b'mod partikolari dawk li ma laħqux, bħala minimu, il-mira tal-2030;***
	Or. en

Emenda 125
Gordan Bosanac

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; jiddispjaċih ħafna li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034;	6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; jiddispjaċih ħafna li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034; ***jitlob li tali allokazzjoni terġa' tiddaħħal, u li l-impjieg taż-żgħażagħ jiġi rikonoxxut bħala prijorità ta' investiment fiċ-ċiklu ta' finanzjament li jmiss;***

Or. en

Emenda 126
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; jiddispjaċih ħafna li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034;	6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; jiddispjaċih ħafna li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034 ***u***

jenfasizza li dan in-nuqqas jista' jikkomprometti r-riżultati li nkisbu;

Or. it

Emenda 127
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza li l-isfidi fit-tul tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għadhom jippersistu u diffiċli jiġu solvuti, bħall-appoġġ għall-profili li diffiċli jintlaħqu, ir-rata ta' kopertura ta' dan l-istrument, il-kwalità tal-offerti, il-kapaċità tal-fornituri tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, jew il-qafas ta' monitoraġġ mhux komplut; jieħu nota tal-aħħar rieżamijiet mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-enfasi li saret fuq id-diffikultajiet persistenti biex jingħelbu l-ostakli strutturali u istituzzjonali li jipprevjenu l-integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażagħ, biex jintlaħqu NEETs inattivi u vulnerabbli, biex jiġu mobilizzati l-baġits nazzjonali sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-iskemi, kif ukoll biex tiġi mmonitorjata u miġbura d-data[23a];

[23a] 6184/26. 6831/24.

Or. en

Emenda 128
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jissottolinja li l-FSE+, li qed jiffinanzja l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, huwa l-aktar strument ta' finanzjament importanti tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-suq tax-xogħol u l-politika soċjali, li jappoġġja speċjalment liż-żgħażagħ biex jaċċessaw l-edukazzjoni u t-taħriġ, jibdew il-karriera tagħhom, isibu impjiegi tajbin, tiġi promossa l-intraprenditorija, jiġu ffinanzjati programmi kontra l-faqar, u jittejbu l-opportunitajiet soċjoekonomiċi;

Or. en

Emenda 129
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jesprimi thassib dwar it-tnaqqis fir-ritmu tal-impjiegi tal-gradwati f'ċerti Stati Membri.

Or. en

Emenda 130
Hristo Petrov, Irena Joveva, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jinnota li l-enfasi tas-Semestru Ewropew fuq il-Garanzija għaż-Żgħażagħ naqset f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, li ma semmewx l-istrument barra mis-snin meta ġew ippubblikati r-rakkomandazzjonijiet u l-momentum

politiku marbut magħhom; jenfasizza, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol f'xi Stati Membri, li hemm diskrepanza evidenti bejn dawn is-sitwazzjonijiet u l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni meħuda fil-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ titbaxxa għal indikatur awżiljarju, minkejja li din tibqa' problema inkwetanti f'ħafna Stati Membri;

Or. en

Emenda 131
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jenfasizza l-fenomenu li l-ħaddiema żgħażagħ qed ikunu kkwalifikati żżejjed għar-rwoli tagħhom, u kif din id-disparità jista' jkollha impatt negattiv fuq il-potenzjal ta' qligħ fit-tul u, fl-aħħar mill-aħħar, tnaqqas l-eżiti tal-pensjoni.

Or. en

Emenda 132
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Ifakkar li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ topera fi ħdan qafas usa' ta' politiki tal-UE u nazzjonali u li s-suċċess tagħha jiddependi wkoll minn politiki f'oqsma oħra bħall-familja, l-

akkomodazzjoni, il-kura tat-tfal, it-trasport, is-saħħa mentali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni; jisħaq li ż-żgħażagħ jiffaċċjaw sfidi multidimensjonali li ma jistgħux jiġu indirizzati bi strument uniku ffukat fuq l-impjieg;

Or. en

Emenda 133
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jirrikonoxxi l-individwi sottoimpjegati u l-implikazzjonijiet fit-tul li dan jista' jkollu fuq il-potenzjal ta' qligħ tagħhom u l-eżiti eventwali tal-pensjoni. F'dan ir-rigward, jistieden lill-Istrateġija għaż-Żgħażagħ taħdem biex tiżgura li ż-żgħażagħ li ma jaħdmux biżżejjed jiġu offruti impjieg full-time kull fejn ikun possibbli.

Or. en

Emenda 134
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jilqa' d-Dikjarazzjoni tal-Balkani tal-Punent[24a] tal-2021 u l-adozzjoni ta' strateġiji nazzjonali ta' garanzija għaż-żgħażagħ minn dawn il-pajjiżi, li juru l-attraenza ta' dan l-istrument; jisħaq li dawn l-isforzi huma importanti fil-promozzjoni tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE, iżda jirrikonoxxi diffikultajiet simili

għal dawk li jiffaċċjaw l-Istati Membri f'termini tal-ilħuq ta' gruppi vulnerabbli, il-kapaċità tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u l-kwalità tal-offerti; jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fil-Balkani tal-Punent;

24a

https://www.esap.online/docs/141/western-balkans-declaration-on-ensuring-sustainable-labour-market-integration-of-young-people.

Or. en

Emenda 135
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jesprimi tħassib dwar il-firxa ta' xogħol prekarju u forom mhux standard ta' impjieg fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u jirrikonoxxi l-implikazzjonijiet fit-tul li dan jista' jkollu fuq il-potenzjal ta' qligħ tagħhom u l-eżiti eventwali tal-pensjoni. F'dan ir-rigward, jistieden lill-RYG taħdem biex tiżgura li ż-żgħażagħ li ma jaħdmux biżżejjed jiġu offruti impjieg full-time kull fejn ikun possibbli

Or. en

Emenda 136
Hristo Petrov, Irena Joveva, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrikonoxxi li l-RYG ***aġixxa*** bħala katalist għal riformi istituzzjonali u innovazzjonijiet ta' politika madwar l-Istati Membri, u ***wassal*** ukoll għal riflessjoni dwar ir-riorganizzazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ;	7. Jirrikonoxxi li l-RYG ***aġixxiet*** bħala katalist għal riformi istituzzjonali u innovazzjonijiet ta' politika madwar l-Istati Membri, u ***wasslet*** ukoll għal riflessjoni dwar ir-riorganizzazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ; ***jenfasizza li l-RYG hija waħda mill-aktar politiki ambizzjużi f'termini operattivi, għalkemm mhijiex vinkolanti fuq l-Istati Membri u tippermetti l-adattament tal-iskemi tagħha fil-livell nazzjonali;***

Or. en

Emenda 137
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jirrikonoxxi li l-RYG aġixxa bħala katalist għal riformi istituzzjonali u innovazzjonijiet ta' politika madwar l-Istati*** Membri, ***u wassal ukoll għal*** riflessjoni dwar ir-riorganizzazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol ***għaż-żgħażagħ***;	7. ***Jinnota li l-RYG spiss irriżultat fil-ħolqien ta' burokrazija addizzjonali fl-Istati*** Membri, ***mingħajr ma fil-fatt naqqset il-qgħad strutturali; jisħaq li kwalunkwe*** riflessjoni dwar ir-riorganizzazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol ***għandha tiżgura rispett sħiħ għas-sovranità soċjali tal-Istati Membri, u tfittex li tnaqqas il-piż fuq l-SMEs aktar milli timponi inġinerija istituzzjonali tal-UE***;

Or. fr

Emenda 138
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7. Jirrikonoxxi li l-RYG aġixxa bħala katalist għal riformi istituzzjonali u innovazzjonijiet ta' politika madwar l-Istati Membri, u wassal ukoll għal riflessjoni dwar ir-riorganizzazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ;	7. Jirrikonoxxi li l-RYG aġixxa bħala katalist għal riformi istituzzjonali u innovazzjonijiet ta' politika madwar l-Istati Membri, u wassal ukoll għal riflessjoni dwar ir-riorganizzazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ; ***jinnota, madankollu, li dawn ir-riformi spiss iffukaw fuq iż-żieda fil-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol u mhux fuq l-iżgurar ta' impjiegi ta' kwalità u stabbli;***

Or. el

Emenda 139
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Iqis li l-implimentazzjoni tal-RYG spiss iffokat b'mod ristrett wisq fuq l-attivazzjoni tal-impjiegi, filwaqt li l-ilħuq tal-objettivi ewlenin tagħha jirrikjedi approċċ aktar olistiku li jikkombina politiki attivi u passivi tas-suq tax-xogħol ma' aċċess effettiv għal miżuri ta' inklużjoni soċjali u servizzi essenzjali, inkluż appoġġ soċjali, tas-saħħa u tal-akkomodazzjoni, sabiex jiġu żgurati eżiti stabbli, inklużivi u fit-tul għan-NEETs;

Or. en

Emenda 140
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jinnota bi tħassib li l-pjanijiet ta'

implimentazzjoni ta' ħafna Stati Membri naqsu milli jiġu aġġornati matul l-aħħar għaxar snin u għalhekk ma għadhomx jirriflettu r-realtajiet attwali tas-suq tax-xogħol, bħaż-żieda tax-xogħol prekarju, it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u s-sottoimpjieg li qed jiżdied;

Or. en

Emenda 141
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jenfasizza*** li l-impatt tal-RYG mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri f'termini tal-implimentazzjoni tiegħu u fir-rigward tal-elementi speċifiċi tat-tisħiħ;	8. ***Jisħaq*** li l-impatt tal-RYG mhuwiex uniformi ***kemm*** madwar l-Istati Membri ***kif ukoll fihom*** f'termini tal-implimentazzjoni tiegħu u fir-rigward tal-elementi speċifiċi tat-tisħiħ; ***jissottolinja li l-livelli differenti ta' żvilupp soċjoekonomiku, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali, u l-aċċess għas-servizzi jirriżultaw f'disparitajiet reġjonali u lokali b'saħħithom fil-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ; jenfasizza li sensibilizzazzjoni effettiva trid tirrifletti r-realtajiet lokali u tinvolvi servizzi u organizzazzjonijiet lokali fdati li jaħdmu direttament maż-żgħażagħ;***

Or. en

Emenda 142
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-impatt tal-RYG	8. Jenfasizza li l-impatt tal-RYG

mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri f'termini tal-implimentazzjoni tiegħu u fir-rigward tal-elementi speċifiċi tat-tisħiħ;	mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri f'termini tal-implimentazzjoni tiegħu u fir-rigward tal-elementi speċifiċi tat-tisħiħ; ***jinnota d-diversità tal-approċċi għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ fir-rigward tat-twettiq tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni tal-offerti pprovduti, u li l-mudelli nazzjonali kollha implimentati jħallu lok għal titjib; jirrikonoxxi li l-Istati Membri għandhom punti ta' tluq differenti u li xi Stati Membri jiffaċċjaw sfidi demografiċi u t-tluq ta' żgħażagħ attivi;***
	Or. en

Emenda 143
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jilqa' l-estensjoni tal-grupp ta' età kopert mill-RYG biex jinkludi żgħażagħ ta' bejn il-25 u d-29 sena, f'kuntest fejn it-tranżizzjonijiet mill-iskola għas-suq tax-xogħol qed jieħdu aktar żmien minn qabel; jinnota li din l-estensjoni żiedet il-parteċipazzjoni fl-iskemi tal-RYG, b'dan il-grupp ta' età jammonta għal madwar terz tal-għadd totali ta' parteċipanti fl-2024[25a]; jenfasizza li din iż-żieda fil-parteċipazzjoni mhux dejjem kienet akkumpanjata minn żieda fil-kapaċità tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, li qed jiffaċċjaw għadd akbar ta' każijiet, li whud minnhom huma aktar kumplessi; jiddispjaċih li xi Stati Membri ddeċidew li ma jimplimentawx din l-estensjoni tal-firxa tal-età għall-RYG;
	Or. en

Emenda 144
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jissottolinja li riċerka reċenti dwar l-involviment ibbażat fil-komunità tissuġġerixxi li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali għas-suċċess fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni mill-iskola għall-impjieg, inkluż mudelli integrati fejn is-servizzi ta' promozzjoni tal-impjiegi jikkooperaw fil-livell lokali ma' fornituri bażiċi tas-sigurtà soċjali għal dawk li qed ifittxu impjieg;

Or. en

Emenda 145
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jenfasizza li s-suċċess tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa fl-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-istatus ta' NEET jiddependi mill-integrazzjoni effettiva tal-politiki dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u ż-żgħażagħ, sħubijiet b'saħħithom mal-gvernijiet, mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u miżuri komprensivi li jindirizzaw l-appoġġ tal-familja, l-akkomodazzjoni, l-indokrar tat-tfal, l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, id-drittijiet tal-ġenituri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-aċċess għal kura tas-saħħa affordabbli u protezzjoni soċjali universali u bbażata fuq is-solidarjetà;

Or. en

Emenda 146
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Ifakkar li l-istabbiltà soċjoekonomika tal-familja, l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, u swieq tax-xogħol inklużivi huma kundizzjonijiet abilitanti ewlenin għat-tranżizzjonijiet b'suċċess taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni għall-impjieg, u huma intrinsikament marbuta mal-għanijiet tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;

Or. en

Emenda 147
Niels Geuking, Pascal Arimont, Romana Tomc, David Casa, Isabelle Le Callennec, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Novembru 2023 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali għat-tfal u l-familji, f'sinerġija mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, li wittiet it-triq għal inizjattiva "Familji Aktar b'Saħħithom"[2a] u l-Kuntratt Ewropew tal-Familja[3a], li jikkombinaw benefiċċji tat-tfal garantiti, liv tal-ġenituri, u aċċess għal indokrar tat-tfal ta' kwalità, prerekwiżit ewlieni għall-effettività tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, peress li tiżgura bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja għan-NEETs, b'mod partikolari l-ġenituri żgħażagħ, u tgħin fil-prevenzjoni tal-esklużjoni ekonomika fit-tul;

Or. en

Emenda 148
Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8e. Jissottolinja li l-indirizzar tad-dewmien fil-paternità, l-appoġġ għall-ippjanar tal-familja fost iż-żgħażagħ (vulnerabbli), u l-għoti ta' introjtu tal-ġenituri assigurat soċjalment jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi, jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet, u jissaħħu l-familji żgħażagħ u l-ġustizzja interġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 149
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8f. Jissottolinja li l-integrazzjoni ta' approċċ tul il-ħajja ċċentrat fuq il-familja fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tista' tgħin biex jiġu evitati l-qgħad fost iż-żgħażagħ, it-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (ELET), l-istatus ta' NEET, il-faqar fost dawk li jaħdmu, u l-esklużjoni soċjali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali fit-tul u l-ġustizzja interġenerazzjonali fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 150
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8g. Jisħaq li s-solidarjetà inteġenerazzjonali hija pedament tal-mudell tal-benesseri tal-UE u hija essenzjali għall-preservazzjoni tal-koeżjoni soċjali fil-kuntest tal-bidla demografika u t-trasformazzjoni ekonomika;

Or. en

Emenda 151
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddispjaċih li l-għarfien tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ u, sa ċertu punt, fost l-awtoritajiet, minbarra dawk direttament responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg;	9. Jiddispjaċih li l-għarfien tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ u, sa ċertu punt, fost l-awtoritajiet, minbarra dawk direttament responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg; ***jisħaq li l-integrazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fi programmi usa' tirriskja li toskura l-opportunitajiet li dawn il-programmi joffru lin-NEETs; jinnota li n-NEETs l-aktar diffiċli biex jintlaħqu jibqgħu dawk l-inqas konxji ta' dawn il-programmi u s-servizzi disponibbli biex jappoġġjawhom;***

Or. en

Emenda 152
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddispjaċih li l-għarfien tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ u, sa ċertu punt, fost l-awtoritajiet, minbarra dawk direttament responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg;	9. Jiddispjaċih li l-għarfien tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ u, sa ċertu punt, fost l-awtoritajiet, minbarra dawk direttament responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg; ***jissottolinja li l-livell baxx ta' għarfien huwa parzjalment attribwibbli għan-nuqqas ta' kampanji ta' informazzjoni aċċessibbli, b'mod partikolari dawk immirati lejn iż-żgħażagħ b'diżabilità u dawk minn żoni żvantaġġati;***

Or. en

Emenda 153
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddispjaċih li l-għarfien ***tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ*** u, sa ċertu punt, fost ***l-awtoritajiet, minbarra dawk*** direttament ***responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg***;	9. Jiddispjaċih li l-għarfien ***dwar l-iskemi tal-RYG għadha baxxa fost in-NEETs*** u, sa ċertu punt, fost ***il-partijiet ikkonċernati rilevanti mhux involuti*** direttament ***fl-implimentazzjoni tagħha, bħall-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, is-soċjetà ċivili u atturi formali u informali oħra; iqis li dan il-livell baxx ta' għarfien huwa ostaklu sinifikanti għall-adozzjoni u l-effikaċja tal-RYG***;

Or. en

Emenda 154
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddispjaċih li l-għarfien tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ u, sa ċertu punt, fost l-awtoritajiet**,** minbarra dawk direttament responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg;	9. Jiddispjaċih li l-għarfien tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ***, in-negozji*** u, sa ċertu punt, fost l-awtoritajiet ***pubbliċi*** minbarra dawk direttament responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg ***u jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 155
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES);	10. Jinnota ***bi tħassib qawwi*** li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni ***effettiva*** tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri ***ta' sensibilizzazzjoni*** huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES); ***jisħaq li dan joħloq ostakli sistemiċi għan-NEETs li jiffaċċjaw esklużjoni soċjali, nuqqas ta' fiduċja istituzzjonali, esklużjoni diġitali jew ostakli prattiċi għall-involviment mas-servizzi formali; jinnota li dan idgħajjef il-koeżjoni soċjali u l-ġustizzja interġenerazzjonali, filwaqt li jsaħħaħ aktar milli jnaqqas l-inugwaljanzi eżistenti;***

Or. en

Emenda 156
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES);	10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES); ***jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji attivi ta' sensibilizzazzjoni permezz tal-iskejjel, is-servizzi soċjali, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-għodod diġitali, biex jidentifikaw iż-żgħażagħ li mhumiex irreġistrati u dawk li huma l-aktar diffiċli biex jintlaħqu;***

Or. el

Emenda 157
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES);	10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) ***u li dawn tal-aħħar ma għandhomx il-kapaċità li jieħdu approċċ proattiv għas-sensibilizzazzjoni fil-komunitajiet***; ***jinnota li dan l-approċċ joħloq ostakli għal dawk li jiffaċċjaw diffikultajiet prattiċi jew li ma jafdawx l-istituzzjonijiet;***

Or. en

Emenda 158
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES);	10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES); ***jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvestu sforzi ddedikati biex jiżguraw sensibilizzazzjoni komprensiva tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari mmirata lejn gruppi vulnerabbli u emarġinati;***

Or. en

Emenda 159
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES);	10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) ***u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu previsti wkoll miżuri personalizzati ta' gwida u tħarriġ sabiex jintlaħqu u jiġu appoġġjati dawk l-aktar vulnerabbli u dawk li jesperjenzaw diffikultajiet akbar biex jaċċessaw is-servizzi***;

Or. it

Emenda 160
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li ***s-sensibilizzazzjoni tibqa***' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES);	10. Jinnota li ***n-nuqqas ta' kapaċità għal sensibilizzazzjoni proattiva u bbażata fil-komunità jibqa***' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES)***, u joħolqu ostakli għal dawk b'nuqqas ta' fiduċja istituzzjonali jew sfidi prattiċi, bħat-trasport jew l-aċċess diġitali limitati***;

Or. en

Emenda 161
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota li PES deċentralizzat u inkorporat lokalment u strutturi mmexxija mill-komunità jistgħu jtejbu s-sensibilizzazzjoni, l-involviment u l-appoġġ għal NEETs u sottogruppi vulnerabbli li diffiċili jintlaħqu;

Or. en

Emenda 162
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu gruppi vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari f'żoni remoti, bħall-komunitajiet Rom;	11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu gruppi vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari f'żoni remoti, bħall-komunitajiet Rom; ***jieħu nota tal-feedback minn xi partijiet ikkonċernati li jindika li l-iskemi huma ta' benefiċċju prinċipalment għaż-żgħażagħ li diġà huma qrib is-suq tax-xogħol; ifakkar li dan in-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni bbażata fuq l-evidenza jwassal għal diskrepanza fl-għarfien rigward is-sottogruppi NEET li għandhom jintlaħqu u jxekkel l-iżvilupp ta' strateġiji aktar raffinati; jemmen li l-enfasi fuq gruppi vulnerabbli fit-tiswiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għad trid timmaterjalizza permezz ta' mekkaniżmi effettivi ta' sensibilizzazzjoni madwar l-Istati Membri u kapaċità akbar biex jintlaħaq dan l-objettiv;***

Or. en

Emenda 163
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG ***f'termini tal-kapaċità*** tagħhom li jilħqu ***gruppi*** vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari f'żoni remoti***, bħall-komunitajiet Rom***;	11. Jesprimi tħassib ***serju*** dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG ***u l-kapaċità*** tagħhom li jilħqu ***żgħażagħ*** vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari ***dawk*** f'żoni remoti ***u żvantaġġati; jisħaq li l-implimentazzjoni tal-RYG għadha mhijiex integrata biżżejjed mal-politiki tal-akkomodazzjoni, tal-kura, tal-protezzjoni soċjali u tas-saħħa, li jsaħħu lil xulxin u huma fundamentali għall-appoġġ tal-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol ta' NEETs vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 164
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu gruppi vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari ***f'żoni*** remoti***, bħall-komunitajiet Rom***;	11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu gruppi vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari ***dawk li jgħixu f'żoni muntanjużi, rurali u*** remoti***; jissottolinja l-ħtieġa li tittejjeb l-infrastruttura diġitali biex jiġi ggarantit aċċess ugwali għall-programmi u s-servizzi ta' informazzjoni***;

Or. en

Emenda 165
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu ***gruppi*** vulnerabbli u inattivi, ***b'mod partikolari*** f'żoni remoti***, bħall-komunitajiet Rom***;	11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu ***l-gruppi l-aktar*** vulnerabbli u inattivi, ***bħaż-żgħażagħ b'diżabilità u ż-żgħażagħ li jgħixu*** f'żoni remoti;

Or. it

Emenda 166
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu gruppi vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari f'żoni remoti, ***bħall-komunitajiet Rom***;	11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu gruppi vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari f'żoni remoti, ***bħal reġjuni remoti jew ekstra-Ewropej***;

Or. fr

Emenda 167
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja bi tħassib li r-rata ta' kopertura tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ naqset bi ftit mill-introduzzjoni tat-tishiħ tagħha, u li dawn ir-rati jinsabu f'livelli baxxi b'mod allarmanti f'xi Stati Membri, li jvarjaw minn livell baxx ta' 1.1 % u inqas minn 50 % fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[26a]; jinnota li r-rata ta' kopertura hija l-ogħla fost il-grupp ta' età ta' bejn l-20 u l-24 sena, segwita mill-grupp ta' età ta' bejn il-15 u d-19-il sena, u mbagħad mill-grupp ta' età ta' bejn il-25 u d-29 sena; jirrikonoxxi li, f'kuntest baġitarju diffiċli, għandha tingħata prijorità lill-integrazzjoni tan-NEETs li huma inattivi jew vulnerabbli fl-iskemi tal-RYG;

Or. en

Emenda 168
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li n-nisa u b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom għadhom rappreżentati żżejjed fil-popolazzjoni tan-NEETs, minkejja d-dimensjoni tal-ġeneru msaħħa tal-RYG; jisħaq li l-implimentazzjoni tal-RYG trid tirrifletti aħjar ix-xejriet speċifiċi għall-ġeneru, fejn in-nisa huma aktar probabbli li jsiru NEETs inattivi u li jkunu barra mill-forza tax-xogħol, filwaqt li l-irġiel huma aktar probabbli li jkunu NEETs qiegħda;

Or. en

Emenda 169
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-iskejjel u l-universitajiet, li jaġixxu bħala pont bejn is-sistemi edukattivi u s-suq tax-xogħol, jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola, l-eżodu ta' talent mill-UE u jippromwovu l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet tal-RYG;

Or. en

Emenda 170
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jinnota li l-approċċ ta'

implimentazzjoni f'erba' fażijiet mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri; jenfasizza b'mod partikolari li l-immappjar tas-servizzi ta' appoġġ u l-gruppi fil-mira għadu limitat fl-Istati Membri, u dan saħansitra jwassal għal sitwazzjonijiet fejn il-benefiċjarji ma jkunux konxji li qed jipparteċipaw fi skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jinnota li l-approċċ frammentat bejn l-istituzzjonijiet u s-servizzi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG spiss jiġi attribwit għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, reġistri li għadda żmienhom, jew nuqqas ta' identifikazzjoni tal-awtorità responsabbli, li jipprevjenu l-kondiviżjoni ta' data personali;

Or. en

Emenda 171
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jenfasizza li l-kapaċità u r-riżorsi insuffiċjenti fi ħdan is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) għadhom ostaklu kritiku u persistenti għall-implimentazzjoni effettiva tal-RYG; jinsab imħasseb li l-persunal tal-PES spiss ma jingħatax it-taħriġ jew ir-riżorsi adegwati meħtieġa biex jidentifika, jikseb u jipprovdi b'mod effettiv appoġġ imfassal apposta għan-NEETs, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli u l-aktar diffiċli biex jintlaħqu;

Or. en

Emenda 172

Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jisħaq fuq l-ostakli istituzzjonali u amministrattivi osservati li jiffaċċjaw il-migranti żgħażagħ meta jippruvaw jaċċessaw l-RYG, l-edukazzjoni, u s-suq tax-xogħol b'mod ġenerali; jenfasizza r-rikonoxximent bil-mod u kumpless tal-kwalifiki, il-proċeduri burokratiċi tal-permessi tax-xogħol u l-aċċess limitat għall-PES; jinnota li tali sfidi spiss jiġu aggravati minn oqfsa istituzzjonali riġidi, ostakli lingwistiċi u nuqqas ta' appoġġ imfassal apposta, li jirriskjaw li jintrappolaw lill-migranti żgħażagħ f'impjieg informali jew qgħad fit-tul u jfixklu l-integrazzjoni effettiva tagħhom fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 173
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jisħaq fuq il-ħtieġa assoluta ta' intervent rapidu u kontinwu għan-NEETs sabiex jiġi evitat li dawn jiġu intrappolati f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà; jiddispjaċih f'dan il-kuntest dwar il-ħinijiet ta' stennija ġeneralment eċċessivi għall-offerti tal-RYG, u li l-proporzjon ta' ħruġ f'waqtu u pożittiv naqas bi ftit minn mindu ssaħħet il-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jinnota, madankollu, li l-effettività tal-kollokamenti titkejjel primarjament mill-eżiti pożittivi li jagħtu, li naqsu bi ftit wara sitt xhur, u dan

jindika nuqqas ta' tisħiħ għall-appoġġ ta' wara l-kollokament;

Or. en

Emenda 174
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11d. Jenfasizza l-isforzi li saru f'xi Stati Membri biex janalizzaw il-ħiliet diġitali tan-NEETs mill-PES jew permezz ta' awtovalutazzjoni, iżda jisħaq li ħafna żgħażagħ ibatu minn illitteriżmu diġitali, minkejja li jużaw għodod diġitali; jiddispjaċih li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-enfasi fuq il-ħiliet fit-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ mhijiex riflessa b'mod aktar ċar fir-riżultati analizzati u li l-inizjattivi għall-iżvilupp tal-ħiliet taħt dawn l-iskemi mhumiex integrati aktar mill-qrib ma' inizjattivi oħra ta' ħiliet tal-UE u nazzjonali;

Or. en

Emenda 175
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra osservata fl-iskemi tal-RYG ta' bidla minn servizzi personalizzati għal servizzi ġeneralizzati;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 176
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra osservata fl-iskemi tal-RYG ta' bidla minn servizzi personalizzati għal servizzi ġeneralizzati;	12. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra osservata fl-iskemi tal-RYG ta' bidla minn servizzi personalizzati għal servizzi ġeneralizzati[27a]; ***jisħaq li l-approċċ personalizzat huwa wieħed mill-elementi ewlenin fit-tishih tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li dan l-approċċ huwa meħtieġ għan-NEETs, li għandhom ħtiġijiet differenti u li s-sottogruppi tagħhom jistgħu jevolvu; ifakkar li l-azzjonijiet imfassla għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ għandhom it-tendenza li jkunu aktar effettivi u kosteffiċjenti, peress li l-ispejjeż baxxi tal-forniment ta' servizzi ġenerali ma jikkumpensawx għall-effettività baxxa ta' dan l-approċċ; jenfasizza, madankollu, l-isforzi li saru minn diversi Stati Membri biex isaħħu l-approċċ personalizzat tal-iskemi tal-RYG tagħhom, b'mod partikolari billi jinkludu pjan ta' azzjoni individwali bbażat fuq il-profil tal-benefiċjarju fil-qalba tal-fażi preparatorja;***

Or. en

Emenda 177
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinsab imħasseb ***dwar ix-xejra osservata fl-iskemi tal-RYG ta' bidla minn*** servizzi personalizzati ***għal servizzi*** ġeneralizzati;	12. Jinsab imħasseb ***ħafna dwar in-nuqqas persistenti tal-iskemi tal-RYG li jipprovdu*** servizzi personalizzati***, u x-xejra lejn approċċi dejjem aktar*** ġeneralizzati; ***jisħaq li approċċi "kulħadd f'keffa***

	waħda" ikkontribwew għall-prevalenza tal-offerti tal-RYG li ma jaqblux mal-ħiliet u l-profili individwali tal-benefiċjarji; jenfasizza li dan sistematikament jonqos lil NEETs fit-tul u vulnerabbli li jiffaċċjaw ostakli multipli u aggravanti, filwaqt li jagħti prijorità lil dawk li huma aktar faċli biex jintlaħqu u jiġu appoġġjati; jenfasizza li l-eteroġeneità tan-NEETs u l-varjazzjoni sinifikanti fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol reġjonali u lokali jesiġu approċċi mfassla apposta u personalizzati;

Or. en

Emenda 178
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra osservata ***fl-iskemi tal-RYG*** ta' bidla minn servizzi personalizzati għal servizzi ġeneralizzati;	12. ***Jinnota li n-NEETS huma grupp varjat bi ħtiġijiet differenti u li l-inizjattivi ta' politika għandhom jirriflettu din id-diversità;*** jinsab imħasseb dwar ix-xejra osservata ***fi ħdan l-iskemi tal-RYG ta' xi Stati Membri*** ta' bidla minn servizzi personalizzati għal servizzi ġeneralizzati***, li wrew li huma inqas effettivi biex jiġbdu żgħażagħ b'inqas opportunitajiet u NEETs mhux irreġistrati u li jħallu barra d-diffikultajiet b'diversi livelli u aggravanti li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ b'identitajiet intersezzjonali***;

Or. en

Emenda 179
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jinsab imħasseb dwar ix-xejra osservata fl-iskemi tal-RYG ta' bidla minn*** servizzi personalizzati ***għal servizzi*** ġeneralizzati;	12. ***Jenfasizza l-importanza li jiġu pprovduti*** servizzi ***li jkunu*** personalizzati ***kemm jista' jkun fi ħdan l-iskemi tal-RYG, filwaqt li jiġu evitati, kull meta jkun possibbli, approċċi aktar*** ġeneralizzati ***sabiex iż-żgħażagħ jingħataw l-aktar opportunitajiet ta' xogħol xierqa għall-profil tagħhom***;

Or. en

Emenda 180
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jinnota li l-Kummissjoni tqis li miżuri mfassla individwalment huma ġeneralment aktar effettivi, speċjalment għal gruppi żvantaġġati u dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, u jistgħu jkunu wkoll aktar kosteffiċjenti;

Or. en

Emenda 181
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jenfasizza li koordinazzjoni orizzontali fqira bejn l-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali wriet li hija sfida persistenti għat-twettiq effettiv tal-RYG;

jinnota bi tħassib li koordinazzjoni vertikali insuffiċjenti bejn il-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni kompliet taggrava dawn l-isfidi, bl-awtoritajiet nazzjonali jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti biex jaċċessaw u jużaw il-fondi disponibbli tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 182
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Ifakkar li l-miżuri l-aktar effettivi fit-titjib tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ huma dawk marbuta mat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u l-ħiliet vokazzjonali bl-involviment dirett tal-impjegaturi, inklużi traineeships, apprendistati u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET) ta' kwalità għolja u remunerati b'mod ġust;

Or. en

Emenda 183
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jiddispjaċih li ħafna awtoritajiet pubbliċi naqsu milli jinvolvu biżżejjed lis-sħab soċjali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-RYG, u dan dgħajjef l-effettività tagħha;

Or. en

Emenda 184
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jissottolinja li sehem għoli ta' tagħlim f'ambjenti tax-xogħol reali huwa mutur b'saħħtu tal-impjegabbiltà, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 185
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12d. Ifakkar li s-sistemi edukattivi doppji li jikkombinaw it-tagħlim fil-klassi u l-esperjenza prattika tax-xogħol huma partikolarment effettivi biex jiffaċilitaw tranżizzjonijiet bla xkiel lejn impjieg stabbli;

Or. en

Emenda 186
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12e. Jissottolinja li l-VET ta' kwalità għolja għandhom rwol fundamentali fit-

tisħiħ tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 187
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12f. Ifakkar li l-programmi tal-VET għandhom jadattaw kontinwament il-kurrikuli, biex jinkludu l-benesseri fuq il-post tax-xogħol, l-impjegabbiltà, il-ħiliet diġitali, l-innovazzjoni, l-IA u s-setturi emerġenti;

Or. en

Emenda 188
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12g. Jinnota li l-allinjament tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol huwa kruċjali għaż-żgħażagħ u għall-adulti biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa għall-impjieg;

Or. en

Emenda 189
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12h. Jisħaq li ż-żgħażagħ, milquta mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, jeħtieġu l-ħiliet u l-opportunitajiet biex jixprunaw l-innovazzjoni, il-kompetittività, il-produttività u t-tkabbir ekonomiku;

Or. en

Emenda 190
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12i. Jisħaq li wisq żgħażagħ jitilqu mill-edukazzjoni obbligatorja mingħajr il-ħiliet meħtieġa għall-VET jew għal impjiegi ta' kwalità, u dan iżid ir-riskju tagħhom ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol u jaggrava n-nuqqas ta' ħiliet;

Or. en

Emenda 191
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12j. Jenfasizza li t-tisħiħ tat-tħejjija għat-taħriġ u l-promozzjoni tal-VET bħala perkors ugwali u attraenti huma kruċjali biex jiġu żgurati opportunitajiet

ġusti u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u reżiljenti fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 192
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12k. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-perkorsi tal-VET, li l-professjonijiet tekniċi jsiru aktar attraenti, u l-allinjament tat-taħriġ mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma kruċjali għall-impjieg taż-żgħażagħ u l-għanijiet klimatiċi, tal-akkomodazzjoni u tal-infrastruttura tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 193
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12l. Itenni li l-iżgurar li ż-żgħażagħ, speċjalment il-ġenituri futuri u n-nisa żgħażagħ bi dmirijiet ta' indokrar, ikollhom aċċess garantit għal taħriġ bla ħlas u individwali matul il-ħinijiet tax-xogħol jista' jgħin biex jingħelbu l-ostakli tal-ħin, tal-familja u finanzjarji, filwaqt li jappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 194
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12m. Jenfasizza li l-indokrar informali, inkluż it-trobbija tat-tfal, jiżviluppa ħiliet siewja u trasferibbli li huma direttament rilevanti għall-ħtiġijiet moderni tas-suq tax-xogħol iżda li mhumiex rikonoxxuti fis-sistemi formali;

Or. en

Emenda 195
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12n. Jenfasizza li l-kompetenzi miksuba miż-żgħażagħ permezz tat-tagħlim formali, mhux formali u informali għandhom jiġu rikonoxxuti u apprezzati bis-shiħ għall-iżvilupp tal-karriera u professjonali;

Or. en

Emenda 196
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12o. Jenfasizza li r-rikonoxximent tal-kompetenzi tal-indokrar jikkontribwixxi biex jiġu evitati penali tal-karriera għall-

ommijiet u l-indokraturi, jgħin l-iżvilupp professjonali, u jnaqqas l-ostakli għad-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, u b'hekk inaqqas ir-riskju tal-istatus ta' NEET u l-esklużjoni ekonomika fit-tul;

Or. en

Emenda 197
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12p (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12p. Jisħaq li l-miżuri ta' appoġġ għall-mobbiltà huma essenzjali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità fir-reġjuni kollha;

Or. en

Emenda 198
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12q (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12q. Jissottolinja li l-politiki dwar l-inklużjoni taż-żgħażagħ li jiffukaw fuq il-forniment tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, impjiegi, mobbiltà tax-xogħol, u intraprenditorija, jistgħu jgħinu biex jippermettu liż-żgħażagħ jikkontribwixxu għall-komunitajiet tagħhom u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE;

Or. en

Emenda 199
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12r (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12r. Ifakkar bil-qawwa li l-prestazzjoni u l-kapaċità ta' tagħlim taż-żgħażagħ kollha inkluż bejn l-etajiet ta' 15 u 18-il sena u lil hinn huma msaħħa permezz ta' nutrizzjoni tajba għas-saħħa;

Or. en

Emenda 200
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG;	13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG; ***jinsab imħasseb dwar il-feedback mill-partijiet ikkonċernati li jindika dipendenza fuq offerti ta' impjieg sussidjati li jwasslu għal kuntratti b'terminu fiss, traineeships mingħajr objettivi ċari ta' tagħlim, jew nuqqas ta' konnessjoni bejn il-kwalifiki tal-parteċipanti u l-offerti riċevuti kif ukoll bejn il-ħtiġijiet u s-servizzi disponibbli; ifakkar li r-rakkomandazzjoni tenfasizza li l-kwalità tal-offerta għandha tiġi żgurata permezz ta' appoġġ u feedback wara l-kollokament;***

Or. en

Emenda 201
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG;	13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG; ***jenfasizza li l-offerti li jsiru taħt l-iskemi tal-RYG għandhom ikunu ta' kwalità ġenwina, iwasslu għall-akkwist attwali ta' ħiliet li huma attwalment meħtieġa jew għal integrazzjoni stabbli fis-suq tax-xogħol u m'għandhomx jinvolvu s-sostituzzjoni ta' impjieg regolari, l-użu abbużiv ta' internships jew ir-riċiklaġġ ta' żgħażagħ fi strutturi temporanji u prekarji;***

Or. el

Emenda 202
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG;	13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG; ***u jissottolinja li ż-żgħażagħ jeħtieġu opportunitajiet konkreti u ta' kwalità għolja, b'mod partikolari tagħlim relatat max-xogħol, apprendistati, traineeships u l-ewwel esperjenzi ta' impjieg li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jgħinu biex jiġu evitati l-ispariġġi fil-ħiliet u l-ħruġ potenzjali ta' talent;***

Or. en

Emenda 203
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jinnota li*** minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG;	13. ***Jiddeplora l-fatt li,*** minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni ***tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ (YG) imsaħħa; jenfasizza li t-titjib tal-kwalità tal-offerti tal-RYG għandu jingħata prijorità; jenfasizza li mhuwiex aċċettabbli li l-offerti mhux imħallsa jew il-volontarjat jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni*** tal-RYG;

Or. en

Emenda 204
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità ***fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG***;	13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità ***fl-oqfsa tal-UE, f'ħafna każijiet l-impjiegi offruti huma ta' kwalità baxxa, imħallsa ħażin u ma għandhom l-ebda prospett ta' progressjoni tal-karriera***;

Or. el

Emenda 205
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li l-RYG naqset milli tindirizza b'mod attiv id-diskriminazzjoni abbażi tal-età u l-prevalenza tax-xogħol prekarju, u ħalliet lin-NEETs, u b'mod partikolari lin-NEETs vulnerabbli, f'riskju ta' sfruttament u faqar fost dawk li jaħdmu permezz ta' pagi baxxi, nuqqas ta' protezzjoni soċjali, nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg u trattament mhux ugwali; jinsab imħasseb li dan jista' jikkontribwixxi għan-normalizzazzjoni ta' impjieg prekarju u ta' kwalità baxxa fis-suq tax-xogħol, fejn impjiegi stabbli u deċenti jiġu sostitwiti bi traineeships u forom ta' xogħol mhux siguri u mhux standard; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu identifikati u miġġielda l-prattiki li jiċċirkomventaw l-iskop tat-traineeships, u l-użu ta' relazzjonijiet ta' impjieg standard li taparsi jkunu traineeships;

Or. en

Emenda 206
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrikonoxxi l-potenzjal innovattiv tal-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA) għan-NEETs żvantaġġati biex tipprovdi appoġġ addizzjonali u esperjenza ta' tagħlim ibbażata fuq ix-xogħol barra mill-pajjiż lil gruppi fil-mira vulnerabbli taħt l-iskemi tal-RYG; jisħaq li l-feedback inizjali dwar dan il-programm jindika diffikultajiet fl-operabbiltà tiegħu u għadd konsiderevoli ta' parteċipanti li jitilqu, li jindika l-ħtieġa

ta' aktar appoġġ għall-organizzazzjonijiet li jimplimentaw, jew li jixtiequ jimplimentaw, il-proġetti ALMA, kif ukoll appoġġ immirat għall-benefiċjarji[28a];

[28a] Evalwazzjoni tal-impatt tal-proġetti implimentati taħt l-inizjattiva ALMA, Rapport ta' evalwazzjoni finali, Inizjattiva Innovazzjoni Soċjali+, 2026.

Or. en

Emenda 207
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni tal-RYG għadha marbuta b'mod insuffiċjenti mas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u dan jirriżulta f'każijiet fejn il-parteċipazzjoni fl-iskemi tal-RYG tista' tirriżulta f'benefiċċji soċjali mnaqqsa jew irtirati kemm għan-NEETs individwali kif ukoll għall-unitajiet domestiċi tagħhom; iqis li dan jista' joħloq nassa tal-faqar li fiha n-NEETs vulnerabbli jistgħu jiġu skoraġġuti milli jaċċettaw offerti ta' impjieg, edukazzjoni, taħriġ u titjib tal-ħiliet;

Or. en

Emenda 208
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

13b. Jilqa' l-programmi żviluppati taħt l-iskemi tal-RYG f'ċerti Stati Membri mmirati lejn l-iżvilupp tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ u inċentivi għal negozji ġodda; iqis li l-inizjattivi ta' negozji ġodda jeħtieġu appoġġ imsaħħaħ u speċjalizzat fl-iżvilupp ta' pjan ta' negozju sostenibbli li jista' jwassal għal negozju vijabbli;

Or. en

Emenda 209
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jilqa' l-fatt li l-partijiet ikkonċernati tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ iqisu li l-fondi tal-UE disponibbli għall-finanzjament tagħha huma ġeneralment adegwati u aċċessibbli; jinnota, madankollu, it-tendenza f'xi Stati Membri li jiddependu kważi kompletament fuq l-FSE+ biex jiffinanzjaw l-iskemi tal-RYG, li tqajjem mistoqsijiet dwar is-sostenibbiltà ta' dawn il-programmi, jew l-użu tal-fondi tal-UE biex jissostitwixxu l-fondi nazzjonali preeżistenti, u b'hekk jillimitaw il-kapaċità tal-programmi li jespandu b'rispons għad-domanda; jinsab imħasseb dwar il-feedback li jindika li l-problemi bil-fondi tal-UE jirriżultaw minn nuqqas persistenti ta' kapaċità umana, koordinazzjoni fqira f'xi Stati Membri, u proċeduri mhux ċari, li jipprevjenu l-assorbiment u l-użu effettivi tal-fondi disponibbli;

Or. en

Emenda 210

Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jilqa' l-qafas tal-indikaturi għall-monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-monitoraġġ annwali tiegħu tal-implimentazzjoni tal-istrument, u jenfasizza r-robustezza u l-komparabbiltà tad-data tal-indikaturi aggregata fil-livell tal-UE; jiddispjaċih, madankollu, li l-qafas ta' monitoraġġ li fih data rrapportata mill-Istati Membri huwa ta' kwalità aktar baxxa f'termini ta' ġbir ta' data, is-sistema ta' monitoraġġ u l-proporzjon għoli ta' sitwazzjonijiet mhux magħrufa fir-riżultati tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jirrimarka, b'mod partikolari, li l-oqfsa ta' monitoraġġ nazzjonali spiss jeskludu NEETs inattivi li mhumiex irreġistrati mas-servizzi pubbliċi, u dan jagħmel parti kbira mill-grupp fil-mira tal-RYG inviżibbli; jinsab imħasseb li l-indikaturi ta' segwitu huma kompletament nieqsa f'diversi Stati Membri u ma jqisux il-kwalità tal-offerti;

Or. en

Emenda 211
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-RYG ma ***laħaqx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tiegħu*** u jeħtieġ aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu;	14. Iqis li l-RYG ma ***laħqitx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tagħha*** u jeħtieġ aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu; ***jenfasizza li l-elementi tal-RYG jirrispondu għall-kritika tal-istrument inizjali, iżda għadhom mhumiex***

fit-triq it-tajba minħabba sfidi operattivi persistenti, nuqqas ta' objettivi definiti u evalwazzjoni tal-iskemi; jirrikonoxxi li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-isfidi jinsabu fil-livell tal-Istati Membri, iżda li l-UE jeħtiġilha tkompli taqdi r-rwol sħiħ tagħha fl-appoġġ tagħhom, fil-promozzjoni ta' prattiki tajbin u fl-għoti ta' assistenza teknika fejn meħtieġ; jiddispjaċih li l-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2017 li l-progress tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ma jilħaqx l-aspettattivi għadha parzjalment reali kważi 10 snin wara;

Or. en

Emenda 212
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Iqis li l-RYG ma laħaqx bis-sħiħ*** l-objettivi ***tiegħu u jeħtieġ*** aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu;	14. ***Jenfasizza l-potenzjal trasformattiv tal-RYG biex jitnaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażagħ, is-sottoimpjieg u l-esklużjoni soċjali; jiddispjaċih li dan il-potenzjal għadu ma ntlaħaqx bis-sħiħ mill-Istati Membri u għalhekk*** l-objettivi ***ewlenin tal-istrument biex titnaqqas l-inattività fit-tul u jiġu integrati mill-ġdid in-NEETs l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol għadhom ma ntlaħqux; jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal riforma ambizzjuża u*** aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu;

Or. en

Emenda 213
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-RYG ma ***laħaqx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tiegħu*** u jeħtieġ aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu;	14. Iqis li l-RYG ma ***laħqitx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tagħha*** u jeħtieġ aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu; ***jinnota s-sejbiet reċenti tal-Eurofound li d-diskrepanza bejn l-aspirazzjonijiet tal-impjieg taż-żgħażagħ u l-eżiti konkreti tas-suq tax-xogħol hija assoċjata ma' riskju ogħla ta' dipressjoni u esklużjoni soċjali;***

Or. en

Emenda 214
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-RYG ma ***laħaqx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tiegħu u jeħtieġ aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu***;	14. Iqis li l-RYG ma ***laħqitx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tagħha***;

Or. el

Emenda 215
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-RYG ma ***laħaqx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tiegħu u jeħtieġ aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni***	14. Iqis li l-RYG ma ***laħqitx*** bis-sħiħ l-objettivi ***tagħha***;

prattika tiegħu;

Or. fr

Emenda 216
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza li jridu jiġu żviluppati miżuri ta' akkomodazzjoni mfassla apposta għal żoni fejn jiġu mitkellma lingwi nazzjonali reġjonali, minoritarji jew inqas użati f'kooperazzjoni sħiħa mal-komunitajiet lokali, peress li huma fl-aħjar pożizzjoni biex jifhmu l-ħtiġijiet tagħhom stess u l-isfidi akuti li jiffaċċjaw;

Or. en

Emenda 217
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jissottolinja l-importanza ta' qafas ta' politika abilitanti għall-implimentazzjoni tal-RYG, bħal standards ta' kwalità għall-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-edukazzjoni, it-traineeships u l-apprendistati, l-iżvilupp ta' faċilitajiet addizzjonali għall-indokrar tat-tfal biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ġenituri, politiki ta' inklużjoni għall-persuni b'diżabilità, politika tat-trasport effettiva, miżuri biex tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, u opportunitajiet xierqa ta' taħriġ fil-ħiliet;

Or. en

Emenda 218
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat*** tal-kapaċitajiet ***amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra*** responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG;	15. ***Iheġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja t-tisħiħ*** tal-kapaċitajiet ***tal-awtoritajiet kompetenti*** responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG***, inkluż billi ssaħħaħ ir-riżorsi amministrattivi u umani speċjalizzati fl-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażagħ b'mod li jkun proporzjonat mal-isfidi attwali***; ***jenfasizza li, fl-Istati Membri fejn il-politiki attivi tax-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet sottonazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti jeħtiġilhom ikunu jistgħu jaċċessaw programmi ta' bini tal-kapaċità fuq l-istess livell tal-awtoritajiet ċentrali;***

Or. it

Emenda 219
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG;	15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG; ***jemmen li din il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-PES iridu jkunu akkumpanjati minn investiment fit-taħriġ ta' persunal speċjalizzat sabiex ikunu jistgħu jingħataw servizzi effettivi u personalizzati; jistieden lill-Kummissjoni***

tiżgura li l-PES ikunu mgħammra aħjar biex jilħqu lin-NEETs li qed jiffaċċjaw ostakli kumplessi; jenfasizza l-potenzjal għall-kooperazzjoni bejn il-PES u l-aġenziji privati tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 220
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri ***jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi*** tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali ***oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG***;	15. Jistieden lill-Istati Membri ***jallokaw riżorsi ddedikati speċifikament biex isaħħu l-kapaċità amministrattiva*** tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali ***rilevanti oħra biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-RYG u jagħtu appoġġ f'waqtu, personalizzat u effettiv sal-iskadenza ta' intervent ta' erba' xhur u appoġġ ta' segwitu sostnut***; ***jappella għal taħriġ obbligatorju u strutturat għall-ħaddiema tal-PES u persunal rilevanti ieħor dwar il-preġudizzju inkonsapevoli u n-nondiskriminazzjoni, l-identifikazzjoni proattiva ta' NEETs li diffiċli jintlaħqu, u sensibilizzazzjoni u appoġġ effettivi għal NEETs vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 221
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu	15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu

titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi ***speċifiċi*** tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG;	titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu r-riżorsi u t-taħriġ tal-PES, inkluż permezz ta' persunal adegwat, diġitalizzazzjoni u kapaċitajiet ta' sensibilizzazzjoni, sabiex jiġi pprovdut appoġġ personalizzat u inklużiv liż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 222
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri ***jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet*** nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG;	15. Jistieden lill-Istati Membri ***jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u operattiva tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) u korpi*** nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG***, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-iskejjel, l-universitajiet, il-fornituri tat-taħriġ vokazzjonali u l-impjegaturi***;

Or. en

Emenda 223
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli	15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli

għall-implimentazzjoni tal-RYG;	għall-implimentazzjoni tal-RYG; ***bil-ħsieb li dan l-istrument jinbidel f'wieħed permanenti;***

Or. en

Emenda 224
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG;	15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG ***permezz ta' aktar investiment pubbliku***;

Or. el

Emenda 225
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu s-setgħa lill-ispettorati nazzjonali tax-xogħol u lill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jiġġieldu b'mod effettiv il-prattiki li jevitaw l-iskop tat-traineeships u l-użu ta' relazzjonijiet ta' impjieg standard li taparsi jkunu traineeships, jiżguraw l-infurzar sħiħ tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, u jiggarantixxu li t-trainees ikollhom aċċess għal kanali ta' rapportar anonimi, sikuri u effettivi għal prattika ħażina u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, allegat ksur tad-drittijiet u l-obbligi, u jipprovdu

informazzjoni dwar dawk il-mezzi;

Or. en

Emenda 226
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tirrifletti l-messaġġi ewlenin tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO), approvati mill-Kunsill fl-2018, l-2019, l-2021, l-2023, l-2025 u l-2026, billi jsaħħu l-prevenzjoni u l-intervent bikri, jippromwovu sħubijiet effettivi fil-livelli kollha, u jsaħħu l-kapaċità u r-rwol ta' koordinazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES);

Or. en

Emenda 227
Martine Kemp, Regina Doherty, Liesbet Sommen, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza l-importanza li jiġi sfruttat bis-shiħ in-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi biex jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki, jitrawmu t-tagħlim bejn il-pari u l-valutazzjoni komparattiva, u tiġi appoġġjata l-konverġenza fil-prestazzjoni madwar l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 228
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Istati Membri jallokaw investiment immirat u akbar għall-implimentazzjoni tal-RYG f'żoni b'livelli għoljin ta' qgħad u inattività fost iż-żgħażagħ fejn l-iżvantaġġ strutturali u l-isfidi ta' implimentazzjoni huma akbar; jappella għal kapaċità amministrattiva, ta' sensibilizzazzjoni u ta' twassil imsaħħa tal-PES f'dawn l-oqsma biex jiġi żgurat appoġġ effettiv għan-NEETs vulnerabbli u li diffiċli jintlaħqu;

Or. en

Emenda 229
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħammru lill-persunal tal-PES b'mod effettiv, filwaqt li jirrikonoxxuhom bħala atturi tal-ewwel linja li huma kruċjali biex jinvolvu liż-żgħażagħ li jiffaċċjaw ostakli kumplessi;

Or. en

Emenda 230
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu f'infrastrutturi ta' sensibilizzazzjoni deċentralizzati u mmexxija mill-komunità tal-PES u jistabbilixxu sħubijiet formali bejn il-PES, is-servizzi soċjali, u l-organizzazzjonijiet tal-komunità lokali biex jinvolvu aħjar lin-NEETs li diffiċli jintlaħqu u speċjalment liż-żgħażagħ rurali;

Or. en

Emenda 231
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15d. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-mudelli kollha tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, kemm jekk ikunu sistemi mmirati bbażati fuq il-perkorsi kif ukoll jekk ikunu sistemi aktar universalisti, jilħqu b'mod attiv liż-żgħażagħ aktar milli jiddependu biss fuq ir-reġistrazzjonijiet, biex jipprovdu appoġġ ekwu irrispettivament miċ-ċirkostanzi jew mill-post;

Or. en

Emenda 232
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ	16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ

komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs;	komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs; ***jisħaq li dan l-appoġġ irid jiġi pprovdut fil-forma ta' pakkett ta' miżuri mogħtija mill-PES u servizzi soċjali rilevanti oħra mmirati biex jgħinu fir-responsabbiltajiet tal-indokrar tat-tfal u tal-familja, isaħħu l-ippjanar tal-familja, jappoġġjaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa, inkluża s-saħħa mentali, u jiġġieldu d-dipendenza; jistieden ukoll lill-Istati Membri b'rata ta' ħruġ pożittiva u f'waqtha jew rata ta' kopertura taħt il-medja tal-UE jwettqu valutazzjoni komprensiva tal-iskemi tagħhom tal-RYG sabiex jidentifikaw ir-raġunijiet għal dawn in-nuqqasijiet u jirrettifikawhom billi jfasslu mill-ġdid dawn l-iskemi abbażi tar-riżultati;***
	Or. en

Emenda 233
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs;	16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, ***b'mod partikolari billi jindirizzaw l-akkomodazzjoni, is-saħħa mentali, u d-diffikultajiet finanzjarji identifikati bħala ostakli primarji għall-indipendenza taż-żgħażagħ,*** sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs;
	Or. en

Emenda 234
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs;	16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs***, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-appoġġ għall-introjtu***;

Or. el

Emenda 235
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi ***indirizzata*** s-sitwazzjoni tal-impjiegi ***għan-NEETs***;	16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli ***strutturali u spiss*** kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs ***vulnerabbli***, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin ***tas-suq tax-xogħol u*** tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi ***mtejba*** s-sitwazzjoni tal-impjiegi ***tagħhom***;

Or. en

Emenda 236
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs;	16. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs;

Or. fr

Emenda 237
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex ***jiġu indirizzati l-kawżi*** ewlenin tal-esklużjoni soċjali ***qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs***;	16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex ***jindirizzaw is-sitwazzjoni tal-impjieg tagħhom u jindirizzaw il-kawżi*** ewlenin tal-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 238
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jissottolinja li s-saħħa mentali ħażina, l-iżolament soċjali u n-nuqqas ta' appoġġ psikosoċjali mfassal apposta joħolqu ostakli sinifikanti għall-

integrazzjoni ta' ħafna żgħażagħ fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jinkorporaw servizzi ta' appoġġ psikosoċjali xierqa fil-miżuri ta' implimentazzjoni tal-RYG;

Or. el

Emenda 239
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-impjiegi kollha offruti taħt l-iskemi tal-RYG jipprovdu pagi deċenti, tal-inqas fil-livell tal-paga minima jew tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv;

Or. el

Emenda 240
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jisħaq li ż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni insulari u remoti, speċjalment il-gżejjer tal-Eġew u r-reġjuni remoti tal-Unjoni li jmissu ma' pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll f'reġjuni fil-fruntieri esterni tal-Lvant tal-UE, jiffaċċjaw sfidi uniċi u dejjiema li jikkonċernaw l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi; jissottolinja li dawn l-isfidi huma aċċentwati mill-iżolament ġeografiku, l-ispejjeż għoljin tat-trasport u t-tnaqqis demografiku li għaddej bħalissa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri speċjali u mmirati

għal dawn ir-reġjuni fil-kuntest tal-RYG, bl-għan li jappoġġjaw l-impjiegi lokali u jipprevjenu l-eżodu taż-żgħażagħ;

Or. el

Emenda 241
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs;	17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG ***fil-fażijiet kollha tagħha***; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol***, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ***, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs; ***jisħaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni formali, bħal kummissjonijiet tripartiti ċi, ftehimiet ta' kooperazzjoni, jew protokolli fil-livell nazzjonali bejn l-iskejjel, il-PES u s-sħab soċjali, sabiex jintlaħaq dan l-objettiv; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinbena l-fiduċja bejn il-fornituri tal-RYG u l-komunitajiet lokali, pereżempju billi l-offerti edukattivi u ta' taħriġ jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u billi ż-żgħażagħ jitqiegħdu biss f'impjiegi meta jkunu ppreparati sew biex jidħlu fis-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jespandu prattiki tajbin bħal inizjattivi ta' taħriġ fi sħubija diretta mal-impjegaturi mmirati biex jiżguraw ir-reklutaġġ fi tmiem it-taħriġ, fieri tal-impjiegi, jiem ta' informazzjoni jew avvenimenti oħra ta' tqabbil bejn l-impjegaturi u ż-żgħażagħ;***

Or. en

Emenda 242
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri***, il-PES, is-sħab soċjali, ***l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw*** li kulħadd jaħdem ***fi ħdan network*** integrat ta' servizzi għan-NEETs;	17. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza tal-RYG billi tiżdied il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kompetenti, il-partijiet ikkonċernati tat-taħriġ vokazzjonali, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tat-taħriġ***, il-PES, is-sħab soċjali, ***in-negozji u l-korpi tat-tielet settur biex jiġi żgurat*** li kulħadd jaħdem ***f'network*** integrat ta' servizzi għan-NEETs ***u biex iż-żgħażagħ jiġu offruti opportunitajiet ta' taħriġ u impjieg li huma bbażati fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi lokali***; ***jenfasizza li, fl-Istati Membri fejn it-taħriġ vokazzjonali u l-politiki attivi tax-xogħol jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet sottonazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali jeħtiġilhom jitqiesu bħala l-interlokuturi primarji fl-implimentazzjoni tal-RYG u jeħtiġilhom ikollhom mezzi ta' aċċess dirett għall-programmi ta' finanzjament Ewropej għad-dispożizzjoni tagħhom;***

Or. it

Emenda 243
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG;	17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv ***u bbażat fuq il-komunità adattat għall-kuntesti lokali u reġjonali*** huwa essenzjali

jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ***bejn il-ministeri***, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili ***fil-livell ċentrali*** u lokali biex ***jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat*** ta' servizzi ***għan-NEETs***;	biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG ***u biex jintlaħqu n-NEETs l-aktar vulnerabbli***; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ***u jistabbilixxu sħubijiet formali mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ***, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi ***rilevanti*** tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili ***fil-livelli nazzjonali, reġjonali*** u lokali biex ***joħolqu networks integrati*** ta' servizzi ***u jippermettu l-identifikazzjoni bikrija tan-NEETs u l-appoġġ għalihom***; ***jitlob, f'dan ir-rigward, li tali sħab ikunu involuti b'mod sinifikanti fit-tfassil, il-monitoraġġ u l-infurzar ta' offerti ta' traineeships ta' kwalità;***
	Or. en

Emenda 244
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem ***fi ħdan network*** integrat ta' servizzi għan-NEETs;	17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, ***l-awtoritajiet lokali,*** il-PES, is-sħab soċjali***, is-servizzi soċjali u tas-saħħa***, l-atturi tas-suq tax-xogħol, ***il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ,*** il-kunsilli ***u l-organizzazzjonijiet*** nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali***, inklużi organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità, fil-livell lokali, immexxija miż-żgħażagħ jew ambaxxaturi taż-żgħażagħ li jaħdmu direttament ma' żgħażagħ li mhumiex moqdijin biżżejjed*** biex jiżguraw li kulħadd jaħdem ***f'network*** integrat ta' servizzi għan-NEETs;

Or. en

Emenda 245
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li ***approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES***, is-sħab soċjali***, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali*** taż-żgħażagħ ***u s-soċjetà ċivili*** fil-livell ċentrali u lokali biex ***jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi*** għan-NEETs;	17. Jenfasizza li ***hija meħtieġa kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti***, is-sħab soċjali ***u l-korpi*** taż-żgħażagħ fil-livell ċentrali u lokali biex ***jiġi żgurat appoġġ komprensiv*** għan-NEETs;

Or. el

Emenda 246
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs;	17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs; ***iħeġġeġ l-iżvilupp ta' sistemi edukattivi doppji, apprendistati u skemi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol bħala strumenti ewlenin biex tittejjeb l-impjegabbiltà taż-***

żgħażagħ;

Or. en

Emenda 247
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs;	17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES***, b'parteċipazzjoni sinifikattiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet tat-trade unions***, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs;

Or. el

Emenda 248
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs;	17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, ***il-fornituri tas-sigurtà soċjali,*** l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network

ikkoordinat u integrat ta’ servizzi għan-NEETs;

Or. en

Emenda 249
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b’suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta’ servizzi għan-NEETs;	17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b’suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili***, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ*** fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta’ servizzi għan-NEETs;

Or. en

Emenda 250
Martine Kemp, Regina Doherty, Liesbet Sommen, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati sħubijiet settorjali u networks lokali tal-impjegaturi, inkluż mal-SMEs u mal-atturi tal-ekonomija soċjali, biex tittejjeb is-sensibilizzazzjoni, jitfasslu b’mod konġunt l-offerti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u jissaħħu t-tqabbil tal-impjiegi u l-opportunitajiet ta’ impjieg għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 251
Hristo Petrov, Irena Joveva, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw approċċ reġjonali u territorjali għall-implimentazzjoni tal-RYG, immirat lejn ir-reġjuni NUTS 2 bl-ogħla rati ta' NEET u qgħad fost iż-żgħażagħ; jisħaq li dan l-approċċ territorjali jrid ikun marbut ma' allokazzjoni baġitarja u jibbenefika mis-superviżjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati standards ugwali ta' appoġġ u forniment fil-pajjiż kollu; jisħaq ukoll li dan l-approċċ għandu jinkludi miżuri speċifiċi għaż-żoni rurali, bħal taħriġ speċjali għan-NEETs rurali, titjib tal-infrastruttura fiżika tal-PES flimkien ma' soluzzjonijiet diġitali u mobbli; jistieden ukoll lill-Istati Membri jinvolvu lill-awtoritajiet lokali aktar mill-qrib fit-tfassil tal-iskemi tal-RYG, sabiex iżidu s-sens ta' sjieda tagħhom u jiżguraw implimentazzjoni konsistenti madwar it-territorji tagħhom mal-pjan ta' azzjoni nazzjonali;

Or. en

Emenda 252
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza l-importanza li l-miżuri tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ jiġu allinjati mal-prijoritajiet nazzjonali tas-suq tax-xogħol u mal-istrateġiji tal-ħiliet

settorjali, b'mod partikolari f'setturi li qed jesperjenzaw nuqqas strutturali ta' ħaddiema bħall-manifattura, it-teknoloġiji diġitali, is-servizzi tas-saħħa u l-professjonijiet tekniċi; jenfasizza li l-politiki dwar l-impjiegi għaż-żgħażagħ iridu jirrispondu għad-domanda ekonomika reali u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità produttiva u tal-kompetittività tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 253
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu b'mod sinifikattiv lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-RYG u kwalunkwe reviżjoni futura tal-politika; jenfasizza li l-konsultazzjoni maż-żgħażagħ, b'mod partikolari n-NEETs u n-NEETs vulnerabbli, tiżgura li l-esperjenzi tal-ħajja tagħhom jikkontribwixxu direttament għal sensibilizzazzjoni, outreach u twettiq aktar effettivi, b'mod partikolari għal dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 254
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Ifaħħar liċ-Ċentru tal-Għarfien dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ[29a] u jistieden lill-Kummissjoni taġġorna din il-bażi tad-data, filwaqt li tiffoka fuq inizjattivi tal-passat li wrew li rnexxielhom jappoġġjaw lin-NEETs u jintegrawhom b'mod sostenibbli fis-suq tax-xogħol; jemmen li dan iċ-Ċentru tal-Għarfien għandu jservi ta' bażi għal skambji aktar frekwenti ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rappurtar, il-governanza u l-kooperazzjoni; iħeġġeġ evalwazzjonijiet bejn il-pari bejn l-Istati Membri kif ukoll l-organizzazzjoni ta' proġetti transfruntiera dwar l-implimentazzjoni tal-RYG; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza akbar fir-rigward tal-laqgħat tal-koordinaturi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u twessa' l-parteċipazzjoni tagħhom biex tinkludi partijiet ikkonċernati oħra bħas-soċjetà ċivili, meta dan ikun xieraq; iqis li din il-kooperazzjoni fil-livell Ewropew għandha tkun akkumpanjata minn relazzjonijiet interparlamentari aktar mill-qrib;
	[29a] https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/policies-and-activities/eu-employment-policies/youth-employment-support/reinforced-youth-guarantee/youth-guarantee-knowledge-centre_mt.
	Or. en

Emenda 255
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

17b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu s-sensibilizzazzjoni dwar l-RYG u jtejbu l-aċċessibbiltà u l-użu tagħha; jitlob kollaborazzjoni mal-gruppi taż-żgħażagħ biex jiġu żviluppati kanali ta' komunikazzjoni aktar inklużivi u lingwaġġ u proċeduri simplifikati ċari u faċli għall-utent; jissottolinja l-importanza ta' markar koerenti u sostnut, inkluża identità viżiva rikonoxxibbli, biex tiġi kkomunikata b'mod ċar bħala inizjattiva ffinanzjata mill-UE sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;

Or. en

Emenda 256
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola ***sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ***;	18. ***Bl-għan li jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ,*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq ***gwida u kkowċjar personalizzati biex jiġi indirizzat*** it-tluq bikri mill-iskola ***kif ukoll miżuri ta' appoġġ psikosoċjali fir-rigward tat-taħriġ kontinwu u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' taħriġ għall-ħiliet diġitali u dawk relatati mal-IA fl-ambitu tal-RYG biex jiżguraw li l-benefiċjarji żgħażagħ jiksbu l-ħiliet operazzjonali bażiċi biex jużaw l-għodod diġitali u s-sistemi tal-IA u l-fakultajiet kritiċi biex jevalwaw ir-riskji u l-implikazzjonijiet etiċi tagħhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar it-tixrid tal-letteratura dwar l-IA stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1689 (l-Att dwar l-IA); jissottolinja li l-ħiliet diġitali u tal-IA jridu jiġu integrati fil-perkorsi tal-VET u ma għandhomx***

jiġu ttrattati bħala moduli addizzjonali fakultattivi;

Or. it

Emenda 257
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;	18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ; ***jissuġġerixxi li dawn il-programmi jinkludu mekkaniżmi għall-iskejjel biex jirrapportaw il-każijiet f'riskju abbażi tal-attendenza fl-iskola jew tal-prestazzjoni edukattiva lis-servizzi responsabbli għall-RYG sabiex jittejjeb l-immappjar, miżuri ta' kkowċjar għaż-żgħażagħ f'riskju li jitilqu kmieni mill-iskola, kooperazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-familja, ikun hemm żvilupp tal-apprendiment taċ-ċittadinanza u s-sens ta' responsabbiltà tagħhom għad-deċiżjonijiet tal-karriera tagħhom, u rekwiżit li jwettqu intervisti ta' ħruġ ma' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola biex javvanzaw fuq strateġija individwali għal aktar apprendiment, impjieg jew għanijiet oħra tal-ħajja;***

Or. en

Emenda 258
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;	18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ; ***dawn il-politiki għandhom jinkludu wkoll servizzi aktar b'saħħithom ta' gwida għall-karriera u programmi ta' mentoraġġ li jinvolvu lill-impjegaturi u lill-professjonisti, sabiex jgħinu liż-żgħażagħ jagħmlu għażliet infurmati ta' edukazzjoni u taħriġ;***

Or. en

Emenda 259
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta'*** miżuri preventivi ***li jiffukaw fuq*** it-tluq bikri mill-iskola sabiex ***jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ***;	18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jkomplu jsaħħu s-sistemi ta' twissija bikrija fi ħdan l-iskemi tal-RYG biex jidentifikaw iż-żgħażagħ f'riskju li jsiru NEETs; jitlob*** miżuri preventivi***, bħal valutazzjonijiet tal-ħiliet u gwida vokazzjonali u għall-karriera, biex jiġi indirizzat*** it-tluq bikri mill-iskola sabiex ***jitnaqqsu kemm il-probabbiltà ta' esklużjoni fit-tul mis-suq tax-xogħol kif ukoll l-effetti negattivi tagħha***;

Or. en

Emenda 260
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti ***aktar tard*** fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;	18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola***, inkluż permezz ta' konsulenza, gwida u servizzi ta' appoġġ imsaħħa, u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn is-servizzi tal-edukazzjoni u dawk soċjali u tal-impjiegi*** sabiex jiġu evitati impatti ***fit-tul*** fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 261
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;	18. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;

Or. fr

Emenda 262
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Iqis li dawn il-miżuri preventivi għandhom jinkludu gwida tul il-ħajja li tippermetti lill-individwi, minn età żgħira, jifhmu l-perkors tal-apprendiment u l-ħtiġijiet tal-karriera tagħhom, kif ukoll informazzjoni dwar opportunitajiet biex

jaġġornaw il-ħiliet tagħhom f'konformità mas-suq tax-xogħol, bl-għan li jingħataw is-setgħa li jieħdu kontroll tal-ħajja u l-perkorsi tal-karriera tagħhom; jisħaq li l-gwida tul il-ħajja tista' tieħu wkoll forom mhux formali jew informali sabiex jintlaħqu l-gruppi vulnerabbli; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki ta' gwida tul il-ħajja bbażati fuq l-evidenza ankrati fi standards ta' kwalità, inklużi gwida għall-karriera fil-kurrikuli tal-iskejjel u ħiliet bażiċi u moduli ta' riintegrazzjoni tal-ħiliet personali għall-persuni qiegħda fit-tul jew għaż-żgħażagħ inattivi;

Or. en

Emenda 263
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-għodod u l-prattiki ta' tfassil ta' profili u skrinjar għan-NEETs, filwaqt li jadottaw approċċ sensittiv għall-ġeneru, sabiex iqabblu aħjar il-ħtiġijiet u r-reazzjonijiet u jnaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri;

Or. en

Emenda 264
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Iħeġġeġ it-titjib tal-ħiliet tan-

NEETs b'livell baxx ta' ħiliet b'offerti mfassla apposta bħal korsijiet online qosra dwar il-ħiliet diġitali, lingwistiċi, bażiċi u intraprenditorjali u l-litteriżmu finanzjarju, iċċertifikati mill-mikrokredenzjali; jirrikonoxxi l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri fir-rigward tal-programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid; jisħaq li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma hemmx bżonn li jinħolqu programmi speċifiċi ta' taħriġ fil-ħiliet għall-RYG, iżda pjuttost hemm bżonn li jinħolqu opportunitajiet iddedikati għall-benefiċjarji fi ħdan is-sistemi nazzjonali eżistenti; jemmen li ż-żgħażagħ vulnerabbli għandhom jingħataw appoġġ akbar biex jaċċessaw l-apprendistati u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari fis-setturi li għaddejjin minn tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 265
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu ***l-offerta*** tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***tagħlim*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali ***jew*** fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali;	19. ***Ifakkar li d-Direttiva (UE) 2019/1152 diġà tistabbilixxi li t-taħriġ obbligatorju jrid jiġi pprovdut mingħajr ħlas, jgħodd bħala ħin tax-xogħol u jsir matul il-ħinijiet tax-xogħol għall-ħaddiema, filwaqt li jinnota li t-traspożizzjoni u l-infurzar ta' dawn id-dispożizzjonijiet għadhom mhux uniformi madwar l-Istati Membri; jisħaq li n-NEETs għadhom kompletament barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-protezzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt individwali għat-taħriġ u għall-apprendiment tul il-ħajja għaż-żgħażagħ kollha, irrispettivament mill-istatus tal-impjieg tagħhom, u, għal dawk li għandhom impjieg, matul il-***

ħinijiet tax-xogħol, mingħajr ħlas u li jgħoddu bħala ħin tax-xogħol, sabiex jiġu żgurati t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-karriera; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu ***l-offerti*** tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***apprendiment*** tul il-ħajja tagħhom ***f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, u mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ***, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali ***u*** fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali***, u jiżguraw li t-taħriġ offrut taħt l-iskemi tal-RYG jgħodd għal kwalifiki rikonoxxuti***;

Or. en

Emenda 266
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***tagħlim*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali;	19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***apprendiment*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali; ***jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq id-Dikjarazzjoni ta' Herning[30a] fl-Istrateġija tal-UE dwar il-VET li jmiss biex ittejjeb l-attraenza, il-kwalità, il-portabbiltà u l-inklużività ta' dawn l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ u turi b'mod konkret l-opportunitajiet ta' karriera li joffru b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja u d-domanda tas-suq tax-xogħol; jilqa' f'dan il-kuntest it-tħabbira tal-ħolqien ta' Osservatorju Ewropew tal-Informazzjoni dwar il-Ħiliet, b'mod partikolari biex tittejjeb il-kapaċità tat-***

tbassir tal-ħiliet;

[30a] ***Id-Dikjarazzjoni ta' Herning dwar Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali attraenti u inklużivi għal aktar kompetittività u impjiegi ta' kwalità 2026-2030 (Settembru 2025).***

Or. en

Emenda 267
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri ***jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja tagħhom***, ***b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi*** ta' taħriġ ***f'konformità mal-mudelli nazzjonali***;	19. jistieden lill-Istati Membri ***jinvestu f'sistemi tal-VET ta' kwalità għolja fil-livelli kollha***, ***inkluża edukazzjoni għolja orjentata lejn il-vokazzjoni, li kapaċi jirreaġixxu b'mod effettiv għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; jitlob ukoll il-promozzjoni u t-tisħiħ ta' mekkaniżmi konġunti*** ta' taħriġ ***fl-intrapriżi mmexxija mis-sħab soċjali, bħala għodda essenzjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-perkorsi ta' taħriġ matul il-ħajja tax-xogħol u tiġi evitata l-obsolexxenza bikrija tal-ħiliet***;

Or. it

Emenda 268
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu ***l-offerta tal-VET*** tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***tagħlim*** tul	19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu ***l-offerti tal-VET u tal-ħiliet diġitali*** tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta'

il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi ***jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ*** f'konformità mal-mudelli nazzjonali;

apprendiment tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi ***jiżviluppaw sinerġiji ma' inizjattivi oħra tal-UE, bħall-programm Erasmus+ u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVEs), kif ukoll billi jippromwovu l-apprendistati, is-sistemi ta' edukazzjoni doppja, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u l-kooperazzjoni mal-intrapriżi lokali u l-SMEs*** f'konformità mal-mudelli nazzjonali;

Or. en

Emenda 269
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***tagħlim*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali;	19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***apprendiment*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali; ***jisħaq li dawn l-investimenti għandhom jagħtu prijorità speċjali lill-ispeċjalizzazzjonijiet diġitali, tekniċi u industrijali u lill-ħiliet li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet reali tas-swieq tax-xogħol reġjonali u lokali;***

Or. el

Emenda 270
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***tagħlim*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari ***billi*** jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali;	19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***apprendiment*** tul il-ħajja tagħhom, ***filwaqt li jiżguraw l-inklużività u r-reazzjonijiet tagħhom għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà,*** b'mod partikolari ***fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali,*** jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali***, filwaqt li jiggarantixxu standards minimi ta' kwalità, aċċessibbiltà u ġustizzja madwar l-Unjoni***;
	Or. en

Emenda 271
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u ***jimmodernizzaw is-sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja*** tagħhom***, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali***;	19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u ***jadottaw l-inċentivi tat-taxxa għaż-żgħażagħ, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjtu għaż-żgħażagħ impjegati u eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva għall-imprendituri żgħażagħ, sabiex iżommu l-kapital uman*** tagħhom ***u jrażżnu l-eżodu ta' mħuħ; ifakkar li l-finanzjament tal-UE għal dawn l-iskemi jrid ikun ta' benefiċċju esklużiv għaċ-ċittadini żgħażagħ tal-Istati Membri***;
	Or. fr

Emenda 272
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***tagħlim*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali;	19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' ***apprendiment*** tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali ***mingħajr ma dawn jissostitwixxu r-responsabbiltà pubblika għall-għoti ta' edukazzjoni mingħajr ħlas, pubblika u universali***;

Or. el

Emenda 273
Martine Kemp, Regina Doherty, Liesbet Sommen, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' perkorsi ta' taħriġ flessibbli u rilevanti għas-suq tax-xogħol u jenfasizza l-potenzjal ta' formati ta' apprendiment qosra u modulari, inklużi l-mikrokredenzjali, biex jiġu appoġġjati t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet, u jiġu involuti żgħażagħ li diffiċli jintlaħqu;

Or. en

Emenda 274
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw, inkluż permezz tal-FSE+, il-Fondi ta' Koeżjoni u

strumenti xierqa oħra tal-UE, il-ħolqien, it-tisħiħ u l-interkonnessjoni ta' networks li jippromwovu l-ħiliet relatati mal-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-impjieg indipendenti fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari f'żoni muntanjużi, insulari u remoti tal-Unjoni; jisħaq li l-għan għandu jkun l-iżvilupp tal-ħiliet, l-għoti ta' gwida, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-għoti ta' aċċess liż-żgħażagħ għal opportunitajiet reali għall-integrazzjoni professjonali u l-involviment fin-negozju;

Or. el

Emenda 275
Martine Kemp, Regina Doherty, Liesbet Sommen, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa f'setturi li qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-impjegaturi u s-sħab soċjali, sabiex tiġi żgurata integrazzjoni aktar rapida u aktar sostenibbli taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol miftuħ; jisħaq li l-offerti għandhom ikunu mmexxija mid-domanda, allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol reġjonali, u jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Unjoni u għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

Or. en

Emenda 276
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni skolastika, sabiex l-istudenti kollha jiksbu ħiliet bażiċi, diġitali, STEM u trażversali essenzjali, inklużi ħiliet personali, meħtieġa biex jagħmlu progress b'suċċess fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 277
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jissottolinja l-importanza tal-intraprenditorija soċjali bħala għodda għall-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażagħ, speċjalment taż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs); jenfasizza li l-intrapriżi soċjali jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ħiliet, l-integrazzjoni soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli b'impatt lokali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom favur l-intrapriżi soċjali fil-kuntest tal-garanzija għaż-żgħażagħ imsaħħa, inkluż permezz ta' finanzjament, taħriġ, gwida u aċċess xierqa għan-networks ta' kooperazzjoni;

Or. el

Emenda 278
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-VET, inklużi s-sistemi ta' edukazzjoni doppja li jikkombinaw l-apprendiment fil-klassi u l-esperjenza prattika tax-xogħol, ikunu perkors rispettat u attraenti, fuq l-istess livell tal-edukazzjoni akkademika; jitlob lill-Istati Membri jippromwovu prinċipji ta' apprendiment doppju sabiex jiffaċilitaw tranżizzjonijiet bla xkiel lejn impjieg stabbli;

Or. en

Emenda 279
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw monitoraġġ kontinwu u analiżi li tħares 'il quddiem tal-ħtiġijiet tal-ħiliet sabiex jallinjaw is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-iżviluppi fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u billi dejjem iżommu f'moħħhom l-iżvilupp olistiku taż-żgħażagħ (kompetenzi tal-ħajja);

Or. en

Emenda 280
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu aċċess ġust għal opportunitajiet ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid għaż-żgħażagħ, inklużi ġenituri futuri u nisa żgħażagħ b'responsabbiltajiet ta' kura, billi jiffaċilitaw l-aċċess għal taħriġ individwali u mingħajr ħlas matul il-ħinijiet tax-xogħol u jindirizzaw l-ostakli relatati mar-restrizzjonijiet tal-ħin, ir-responsabbiltajiet ta' kura u l-kost finanzjarju;

Or. en

Emenda 281
Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li kull tifel u tifla u żagħżugħ/a fl-indokrar tat-tfal jew fl-iskola jkollhom aċċess għal ikla sħuna ta' kuljum mingħajr ħlas[4a];
	[4a] https://commission.europa.eu/publications/school-fruit-vegetables-and-milk-scheme-eu-school-scheme_en

Or. en

Emenda 282
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jitlob, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, sinerġija akbar bejn l-istrumenti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għat-Tfal, b'mod partikolari biex jiġi pprovdut appoġġ kontinwu lit-tfal fil-bżonn, mill-età ta' bejn il-15 u t-18-il sena u meta jsiru adulti żgħażagħ; jisħaq li dan l-approċċ integrat irid ikollu l-għan li jipprevjeni l-fenomenu tal-"care cliff" (irdum tal-kura;	20. Jitlob, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, sinerġija akbar bejn l-istrumenti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għat-Tfal, b'mod partikolari biex jiġi pprovdut appoġġ kontinwu lit-tfal fil-bżonn, mill-età ta' bejn il-15 u t-18-il sena u meta jsiru adulti żgħażagħ; jisħaq li dan l-approċċ integrat irid ikollu l-għan li jipprevjeni l-fenomenu tal-"care cliff"***[31a]*** (irdum tal-kura***), meta dawk li jitilqu mill-kura jiffaċċjaw nuqqas sħiħ ta' appoġġ wara li jilħqu l-età adulta***; ***jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-servizzi soċjali u mal-indokraturi alternattivi sabiex jiġi żgurat li t-tfal fi tranżizzjoni barra mill-kura ma jitilfux opportunitajiet edukattivi, inkluż permezz ta' perkorsi ta' appoġġ bikrija u kontinwi; jissottolinja l-importanza li jittejbu l-ġbir u d-disponibbiltà ta' data diżaggregata u affidabbli dwar it-tfal fil-kura u dawk li qed joqorbu lejn l-età tat-tluq mill-kura, sabiex il-politiki mmirati jkunu infurmati aħjar, inkluża l-RYG; jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi jestendu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni u s-servizzi ta' appoġġ għall-ambjenti kollha tal-kura, inklużi djar ta' gruppi żgħar u ambjenti istituzzjonali, sabiex jiggarantixxu aċċess ugwali għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-opportunitajiet futuri għat-tfal kollha kkonċernati; jenfasizza l-potenzjal ta' sinerġiji bejn il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u programmi oħra bħal ALMA, Erasmus+ u l-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom;**
	[31a] Field, A, Sen, R, Johnston, C & Ellis, K 2021, "Turning 18 in Specialised Residential Therapeutic Care: Independence or a Cliff Edge?", Children & Society, vol. 35, nru 5, p. 784-798. https://doi.org/10.1111/chso.12450.

Or. en

Emenda 283
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jitlob***, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali,*** sinerġija akbar bejn l-istrumenti tal-Garanzija ***għaż-Żgħażagħ u tal-Garanzija*** għat-Tfal, b'mod partikolari biex jiġi pprovdut appoġġ kontinwu ***lit-tfal*** fil-bżonn***, mill-età ta' bejn il-15 u t-18-il sena u meta jsiru adulti żgħażagħ***; jisħaq li dan l-approċċ integrat irid ikollu l-għan li jipprevjeni l-fenomenu tal-"care cliff" (irdum tal-kura;	20. Jitlob sinerġija akbar bejn ***l-RYG u*** l-istrumenti tal-Garanzija għat-Tfal ***kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali***, b'mod partikolari biex jiġi pprovdut appoġġ kontinwu ***liż-żgħażagħ u lill-adulti żgħażagħ*** fil-bżonn; jisħaq li dan l-approċċ integrat irid ikollu l-għan li jipprevjeni l-fenomenu tal-"care cliff" (irdum tal-kura***), fejn iż-żgħażagħ li jitilqu mill-kura jesperjenzaw telf f'daqqa ta' appoġġ soċjali, edukattiv, għall-akkomodazzjoni u għall-impjiegi meta jilħqu l-età adulta***;

Or. en

Emenda 284
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jiddispjaċih li, minkejja l-isforzi, l-ebda Stat Membru bħalissa mhu qrib li jilħaq il-miri fil-livell tal-UE stabbiliti fil-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-Ugwaljanza, għall-Inklużjoni u għall-Parteċipazzjoni, b'mod partikolari l-objettiv li sal-2030 jitnaqqas bin-nofs id-distakk fir-rati ta' NEET bejn iż-żgħażagħ Rom u l-popolazzjoni ġenerali; jisħaq li l-identifikazzjoni tar-Rom, b'mod partikolari dawk minn żoni rurali u iżolati, bħala grupp ta' prijorità fil-mira fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u

l-koordinazzjoni ta' dawn iż-żewġ strumenti f'sinerġija, jistgħu jwasslu għal titjib li jista' jitkejjel fl-eżiti ta' edukazzjoni, taħriġ u impjiegi;

Or. en

Emenda 285
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat irid ikun ankrat fil-QFP li jmiss u implimentat permezz tal-FSE+ separat u awtonomu, b'obbligu vinkolanti fuq kull Stat Membru li jalloka mill-inqas 5% tal-allokazzjoni nazzjonali tiegħu tal-FSE+ għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal;

Or. en

Emenda 286
Martine Kemp, Regina Doherty, Liesbet Sommen, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' programmi u strumenti oħra tal-UE, inklużi Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u EURES, sabiex jiġu pprovduti perkorsi aktar komprensivi u integrati għaż-żgħażagħ, li jikkombinaw l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-mobbiltà u l-

opportunitajiet ta' impjieg;

Or. en

Emenda 287
Niels Geuking, Pascal Arimont, Romana Tomc, David Casa, Isabelle Le Callennec, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa permezz ta' approċċ tul il-ħajja ċċentrat fuq il-familja, li jiżgura sinerġija sħiħa bejn il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Garanzija għat-Tfal, kif ukoll l-inizjattiva "Familji Aktar b'Saħħithom" u l-Kuntratt Ewropew tal-Familja;

Or. en

Emenda 288
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jemmen li interoperabbiltà akbar bejn il-programmi u l-pjanijiet ta' azzjoni tal-UE ssaħħaħ l-azzjoni ġenerali tal-Istati Membri, filwaqt li tiżgura l-valur miżjud ta' kull programm u l-isforzi mmirati tagħhom b'mod komplementari; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-rabtiet bejn l-iskemi tagħhom tal-RYG u programmi nazzjonali oħra għaż-żgħażagħ, filwaqt li jistabbilixxu prijoritajiet għall-benefiċjarji tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jiżviluppaw pjan nazzjonali ta'

kooperazzjoni għaż-żgħażagħ u jevalwaw u jirrapportaw regolarment dwar l-approċċ integrat u trażversali b'appoġġ għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 289
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu perkors iddedikat għal dawk li jitilqu mill-kura fil-bżonn bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RYG, inklużi l-identifikazzjoni bikrija u r-reġistrazzjoni awtomatika fis-servizzi tal-RYG, il-ġestjoni koordinata tal-każijiet bejn is-servizzi soċjali u s-servizzi tal-PES, u l-kontinwità tal-aċċess għall-appoġġ għall-impjiegi, għall-protezzjoni soċjali, għall-appoġġ għall-akkomodazzjoni, u servizzi oħra meħtieġa għal integrazzjoni effettiva fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 290
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jitlob li ż-żgħażagħ, speċjalment il-ġenituri żgħażagħ, jiġu appoġġjati b'mod adegwat biex jipparteċipaw fil-miżuri tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ permezz ta' aċċess għal indokrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja,

arranġamenti tal-ħin tax-xogħol favur il-familja, u, meta jkun xieraq, assistenza finanzjarja, sabiex jiġi żgurat li r-responsabbiltajiet tal-familja ma jirriżultawx fl-esklużjoni mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 291
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jappella għal appoġġ immirat u aċċessibbli għas-saħħa mentali fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għall-ommijiet u l-missirijiet żgħażagħ, li huma partikolarment f'riskju ta' dipressjoni postnatali, tagħbija eċċessiva, u bilanċ fqir bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, sabiex jiġu evitati interruzzjonijiet dejjiema fit-trajettorji tal-impjieg tagħhom;

Or. en

Emenda 292
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20d. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ aċċessibbli u distigmatizzanti għas-saħħa mentali fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, bħall-ikkowċjar u l-mentoraġġ bejn il-pari, għaż-żgħażagħ esklużi mis-suq tax-xogħol minħabba ansjetà, dipressjoni jew eżawriment, li jwassal għall-

awtonomizzazzjoni u l-komplementarjetà mal-kura medika;

Or. en

Emenda 293
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni*** mmirati lejn in-NEETs ***vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG***;	21. ***Jenfasizza l-importanza ta' approċċi personalizzati u differenzjati għar-riintegrazzjoni taż-żgħażagħ NEET fis-suq tax-xogħol u fil-perkorsi ta' apprendiment u taħriġ; jitlob li s-sistemi ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-RYG jipprevedu t-tfassil ta' profili inizjali preċiż tal-benefiċjarji bl-għan li tiġi ddeterminata l-impjegabbiltà tagħhom u kwalunkwe ostaklu għall-parteċipazzjoni u li din il-bażi tintuża biex jiġu żviluppati perkorsi ta' appoġġ speċifiċi għall-profil; jenfasizza li l-atturi intermedji (korpi ta' taħriġ vokazzjonali, organizzazzjonijiet tat-tielet settur u servizzi bbażati fil-komunità) għandhom rwol insostitwibbli fl-appoġġ taż-żgħażagħ li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, li spiss ma jikkonnettjawx mal-PES permezz tal-kanali normali; jitlob li l-perkorsi ta' attivazzjoni*** mmirati lejn ***in-nisa NEET jimxu id f'id ma' miżuri integrati ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, peress li x-xogħol ta' kura mhux imħallas huwa l-kawża strutturali ewlenija tad-disparità bejn il-ġeneri fost*** in-NEETs;

Or. it

Emenda 294
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG;	21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG; ***jitlob b'mod partikolari li jsir investiment f'infrastruttura ta' sensibilizzazzjoni deċentralizzata u bbażata fil-komunità li tkun ikkombinata mat-twassil ta' servizz integrat, u li nitbiegħdu minn mudell tradizzjonali li jiddependi biss fuq sistema ta' reġistrazzjoni; jisħaq li ħafna miżuri wrew li huma effettivi biex jintlaħqu n-NEETs li diffiċli jintlaħqu u issa jridu jiġu skalati fil-livell nazzjonali, bl-inklużjoni ta' medjaturi Rom, speċjalisti tal-attivazzjoni, unitajiet mobbli tal-PES, servizzi virtwali, ħidma miftuħa fost iż-żgħażagħ, sensibilizzazzjoni diretta fit-toroq, użu tal-media soċjali, programmi ta' mentoraġġ, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, preżenza fi klabbs sportivi, postijiet ta' divertiment, ċentri kummerċjali u programmi ta' ambaxxaturi;***

Or. en

Emenda 295
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu ***l-attivazzjoni*** ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG;	21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu ***l-inklużjoni soċjali u tranżizzjoni appoġġjata mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol*** ta' dan il-grupp l-

	ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG ***anke permezz ta' taħriġ dwar is-sensittività kulturali u soċjali indirizzat lill-fornituri kollha tas-servizzi***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li nimxu lil hinn mid-dipendenza fuq sistemi bbażati fuq ir-reġistrazzjoni lejn approċċi ta' sensibilizzazzjoni proattivi, deċentralizzati u bbażati fil-komunità, li jqarrbu s-servizzi lejn iż-żgħażagħ u jsaħħu l-kapaċità tal-PES biex jinvolvu b'mod effettiv lil dawk l-aktar vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 296
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG;	21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata aċċessibbiltà sħiħa tal-programmi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ għaż-żgħażagħ b'diżabilità, inkluż permezz ta' infrastrutturi ta' taħriġ aċċessibbli, servizzi ta' appoġġ imfassla apposta u kooperazzjoni msaħħa mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, sabiex jiġu ggarantiti opportunitajiet indaqs fl-aċċess għall-impjiegi, għat-taħriġ u għall-apprendistati;***

Or. en

Emenda 297

Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs ***vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali*** u jagħmlu ***l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità*** tal-implimentazzjoni ***tagħhom*** tal-RYG;	21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni ***nazzjonali, reġjonali u lokali*** mmirati lejn in-NEETs ***li diffiċli jintlaħqu*** u jagħmlu ***l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol il-prijorità ewlenija*** tal-implimentazzjoni tal-RYG; ***jappella kemm għal sensibilizzazzjoni mmirata kif ukoll għal miżuri ta' appoġġ iddedikati għan-NEETs vulnerabbli mfassla biex jegħlbu kwalunkwe ostaklu speċifiku li jiffaċċjaw, bħad-diskriminazzjoni, il-kwistjonijiet tas-saħħa, ir-responsabbiltajiet tal-kura, u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar;***

Or. en

Emenda 298
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG;	21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG; ***jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi għal tranżizzjoni bla xkiel mill-protezzjoni tat-tfal għas-servizzi taż-żgħażagħ, tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-impjiegi;***

Or. el

Emenda 299
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG*;*	21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG ***u, f'dan ir-rigward, jitlob sforzi biex jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali u tranżizzjoni appoġġjata ta' dan il-grupp mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 300
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-intensifikazzjoni ta' dawn l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni trid tippermetti li jintlaħqu żgħażagħ vulnerabbli li s'issa kienu inviżibbli għall-iskemi tal-RYG; jinnota li ż-żgħażagħ vulnerabbli mhux neċessarjament jidentifikaw mal-kategorija NEET, u jistieden f'dan ir-rigward lill-fornituri tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ jestendu s-sensibilizzazzjoni lil hinn minn din il-kategorizzazzjoni; jemmen li l-involviment ta' organizzazzjonijiet tal-komunità lokali, NGOs u intermedjarji bejn il-pari huwa essenzjali sabiex jintlaħqu n-NEETs direttament fil-komunitajiet tagħhom; jinnota li għaż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet aktar akuti ta' diffikultà, l-approċċ irid ikun volontarju u b'limitu baxx, mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni,

dokumentazzjoni jew impenn, iżda pjuttost ibbażat fuq fehim tal-problemi ffaċċjati u s-sensittività għall-valuri u l-prattiki tagħhom;

Or. en

Emenda 301
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Istati Membri jallokaw riżorsi ddedikati għall-iżvilupp ta' sensibilizzazzjoni proattiva, deċentralizzata u bbażata fuq il-komunità u jnaqqsu d-dipendenza esklużiva fuq sistemi passivi, ibbażati fuq ir-reġistrazzjoni u diġitali biss; jisħaq li tali sensibilizzazzjoni hija essenzjali biex tintlaħaq u tinbena l-fiduċja ma' NEETs vulnerabbli u li diffiċli jintlaħqu fil-kuntesti lokali tagħhom, u biex jitnaqqas ir-riskju ta' esklużjoni li jirriżulta minn stigma, nuqqas ta' fiduċja istituzzjonali u inugwaljanza diġitali;

Or. en

Emenda 302
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw lin-NEETs vulnerabbli bħaż-żgħażagħ fiż-żoni rurali, il-ġenituri żgħażagħ, u speċjalment l-ommijiet żgħażagħ u n-nisa NEET permezz ta'

mižuri mmirati, billi jipprovdu sensibilizzazzjoni bikrija, aċċess għall-indokrar tat-tfal, opportunitajiet flessibbli ta' apprendiment u impjieg, u appoġġ soċjali u tal-impjiegi kkoordinat biex jiġu żgurati l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-prevenzjoni tal-esklużjoni fit-tul;

Or. en

Emenda 303
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jirrikonoxxi l-kriżi tal-akkomodazzjoni u l-impatt sproporzjonat li għandha fuq iż-żgħażagħ. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jiżguraw li l-inizjattivi ta' politika mfassla biex isolvu din il-kriżi jkunu soġġetti għal "Verifiki taż-Żgħażagħ" biex jiġi żgurat li jqisu l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ.

Or. en

Emenda 304
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ imfassal apposta u mmirat għall-ommijiet żgħażagħ fl-ambitu tal-iskemi tal-RYG; jisħaq li l-kontribut tal-ommijiet żgħażagħ għas-suq tax-xogħol għandu jinftiehem

b'mod aktar wiesa' mill-impjieg waħdu u għandu jirrikonoxxi x-xogħol tal-kura; jiddeplora l-fatt li l-istigma u d-diskriminazzjoni, ir-responsabbiltajiet ta' kura sproporzjonati, u l-pressjonijiet finanzjarji jistgħu jnaqqsu l-probabbiltà li l-ommijiet żgħażagħ ikunu jistgħu jieħdu edukazzjoni, taħriġ u opportunitajiet ta' impjieg intensivi fil-ħin; jissottolinja l-importanza ta' servizzi pubbliċi ta' indokrar tat-tfal mingħajr ħlas jew affordabbli biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-impjiegi għall-ommijiet żgħażagħ; jitlob miżuri mmirati bħal arranġamenti tax-xogħol flessibbli u appoġġ finanzjarju speċifiku f'dan il-kuntest;

Or. en

Emenda 305
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ dwar il-preġudizzju inkonxju u n-nondiskriminazzjoni lir-riċerkaturi, lill-uffiċjali pubbliċi, lill-persunal tas-servizz tal-impjiegi u lil professjonisti oħra involuti fl-immappjar u l-immirar ta' gruppi vulnerabbli taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni għall-impjegaturi li jipparteċipaw fi skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni u l-preġudizzju fil-prattiki ta' reklutaġġ u fuq il-post tax-xogħol, inkluż għal raġunijiet ta' etniċità, ġeneru, diżabbiltajiet fl-iżvilupp fiżiku u intellettwali, jew sfond soċjoekonomiku;

Or. en

Emenda 306
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jisħaq fuq l-impatt uniku u negattiv tal-kriżi tal-akkomodazzjoni fuq il-lingwi reġjonali, minoritarji u inqas użati tagħna, u kif din il-kriżi tista' tolqot b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ li jixtiequ jibqgħu fil-komunitajiet tagħhom, għalhekk jistieden lill-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE jadottaw miżuri mfassla apposta fir-rigward tal-akkomodazzjoni u kontrolli taż-żgħażagħ għal żoni fejn huma mitkellma dawn il-lingwi, inklużi eżenzjonijiet immirati fejn meħtieġ biex jiġu ssalvagwardjati ż-żgħażagħ f'dawn il-komunitajiet;

Or. en

Emenda 307
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-ġenituri żgħażagħ fl-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ b'indokrar tat-tfal ta' ġurnata sħiħa, inklużi ikliet u sigħat flessibbli, biex jiġu eliminati l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 308

Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jappella għal miżuri mmirati tal-RYG biex jappoġġjaw lin-NEETs li jinsabu l-ħabs jew li ħarġu minn sistemi ta' kustodja, u għal dawk li qed jitħabtu mad-dipendenzi; jappella għal programmi mfassla apposta u appoġġ sostnut biex titnaqqas l-istigma u jiġu ffaċilitati t-titjib tal-ħiliet tagħhom u r-riintegrazzjoni effettiva u sostenibbli fis-soċjetà u fl-impjiegi; jenfasizza l-impatt preventiv tal-parteċipazzjoni inklużiva u attiva fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi fit-tnaqqis tar-riskji ta' abbuż minn sustanzi u mill-alkoħol u fit-tnaqqis tar-rati ta' reati u ta' detenzjoni taż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 309
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jissuġġerixxi s-sistematizzazzjoni tat-tikkettar għall-RYG fi skemi nazzjonali u lokali sabiex tittejjeb il-viżibbiltà u titqajjem kuxjenza fost l-amministrazzjonijiet, l-awtoritajiet lokali u l-benefiċjarji; jenfasizza li huwa essenzjali li l-benefiċjarji jkunu konxji li huma parti minn skemi tal-RYG sabiex jifhmu l-appoġġ ġenerali disponibbli għalihom; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, sett ta' regoli dwar il-viżibbiltà għall-iskemi tal-RYG;

Or. en

Emenda 310
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw b'mod effettiv lin-NEETs nisa billi jqajmu kuxjenza fost dawk li jfasslu l-politika dwar l-isfidi u l-ostakli speċifiċi tan-nisa, jiġbru u janalizzaw data dwar in-NEETs diżaggregata skont il-ġeneru biex ifasslu miżuri mmirati ta' sensibilizzazzjoni u attivazzjoni, u jippromwovu opportunitajiet ta' VET għan-NEETs nisa biex jingħata lok għat-taħriġ mill-ġdid, għall-impjiegi u għall-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 311
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jistieden lill-Istati Membri jesploraw miżuri biex jiżguraw il-kontinwità tal-kopertura u l-appoġġ fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għal żgħażagħ involuti f'xogħol staġjonali jew temporanju barra minn pajjiżhom, filwaqt li jitqies li ħafna jqattgħu biss parti mis-sena jaħdmu barra mill-pajjiż u jirritornaw lura d-dar mingħajr introjtu għall-bqija tas-sena; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba barra mill-pajjiż u l-

involviment mill-ġdid rapidu mas-servizzi tal-impjiegi malli jirritornaw; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiġbru u jaġġornaw b'mod sistematiku data dwar l-għadd ta' żgħażagħ li jwettqu xogħol staġjonali jew temporanju barra minn pajjiżhom fuq bażi annwali biex jinfurmaw aħjar ir-risponsi ta' politika u jiżguraw appoġġ imfassal apposta;

Or. en

Emenda 312
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jissottolinja li l-integrazzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol ta' NEETs vulnerabbli tiddependi mill-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet bażiċi tal-għajxien adegwati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-RYG tkun strutturalment marbuta mal-politiki tal-akkomodazzjoni, tal-kura, tal-protezzjoni soċjali u tas-saħħa, sabiex jiġu indirizzati d-diversi ostakli li jiffaċċjaw in-NEETs vulnerabbli fl-aċċess għal edukazzjoni, taħriġ u impjiegi ta' kwalità; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-offerti tal-RYG għan-NEETs vulnerabbli jkunu appoġġjati minn aċċess adegwat għal servizzi abilitanti essenzjali, inklużi l-assistenza għall-akkomodazzjoni, l-indokrar tat-tfal, it-trasport u l-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 313
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jipprevjenu l-esklużjoni soċjali fit-tul, filwaqt li jnaqqsu l-prezz soċjali u ekonomiku assoċjat mat-tluq bikri u ma' status prolongat ta' NEET;

Or. en

Emenda 314
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali ta' mmappjar biex jiġu identifikati l-lakuni attwali u jiġu adattati l-istrateġiji ta' sensibilizzazzjoni, kif ukoll biex jiġu proposti miżuri u investimenti mmirati għal sottogruppi ta' NEETs differenti; jistieden b'mod partikolari lill-Istati Membri jwettqu analiżi komprensiva u reġjonali tal-karatteristiċi tal-popolazzjonijiet ta' NEETs, kif ukoll il-kriterji li jżidu l-possibbiltajiet li persuna ssir NEET, bħall-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, jew il-livell ta' edukazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri jkunu mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' dawn iż-żgħażagħ; jissuġġerixxi li din l-analiżi għandha tinkludi konsultazzjoni ma' gruppi fil-mira u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 315
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw jew isaħħu mudelli ta' implimentazzjoni ta' "punt uniku ta' servizz" (one-stop-shop) għas-servizzi tal-RYG sabiex jitnaqqsu l-frammentazzjoni u l-piżijiet amministrattivi, u jittejbu r-rati ta' parteċipazzjoni fost in-NEETs vulnerabbli u li diffiċli jintlaħqu; jissottolinja l-importanza ta' ċentri għaż-żgħażagħ b'diversi aġenziji u mingħajr wisq burokrazija li jiċċentralizzaw l-appoġġ tal-RYG, kif ukoll l-impjieg, l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-servizzi soċjali f'post wieħed u aċċessibbli; jenfasizza li dan il-mudell wera li rnexxa f'diversi Stati Membri biex tneħħew l-ostakli u biex ingħata l-appoġġ olistiku meħtieġ għal integrazzjoni effettiva fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 316
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Iħeġġeġ il-ħolqien ta' "Mentoraġġ taż-Żgħażagħ" fir-reġjuni kollha tal-UE biex jippermettu lil voluntiera u individwi privati mħarrġa jiggwidaw liż-żgħażagħ li diffiċli jintlaħqu fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fl-iżvilupp tal-karriera, li jilħqu liż-żgħażagħ fejn ikunu; jenfasizza li tali skemi ta' mentoraġġ għandhom jikkomplementaw, iżda mhux jieħdu post,

il-konsulenza professjonali tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi;

Or. en

Emenda 317
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21f. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza teknika mmirata lill-Istati Membri fir-rigward tal-iżvilupp ta' għodod diġitali għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-benefiċjarji tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ abbażi tal-aħjar prattiki f'appoġġ individwalizzat; jenfasizza f'dan ir-rigward l-użu promettenti ta' għodod ta' tfassil ta' profili bbażati fuq l-IA f'xi Stati Membri, iżda jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sorveljanza mill-bniedem biex tiġi evitata l-klassifikazzjoni ħażina; jirrakkomanda wkoll li l-Istati Membri jipprovdu għodod awtomatizzati ta' awtovalutazzjoni li jevalwaw il-fatturi li jiddeterminaw l-appoġġ disponibbli, u jinnota li l-mezzi online jistgħu jkunu aktar faċli għal xi żgħażagħ biex jużawhom għall-kuntatt inizjali;

Or. en

Emenda 318
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21f. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw rabta strutturali bejn l-iskemi

tal-RYG u s-sistemi ta' ħarsien soċjali, filwaqt li jiżguraw appoġġ għall-introjtu individwali kontinwu u adegwat għaż-żgħażagħ fil-bżonn qabel, matul u wara l-offerti tal-RYG sabiex jiġu evitati lakuni fil-kopertura, jitnaqqsu r-riskji tal-faqar matul it-tranżizzjonijiet, u jiġi żgurat li n-NEETs vulnerabbli jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fl-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ;

Or. en

Emenda 319
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21g. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess ugwali għal introjtu minimu adegwat għaż-żgħażagħ fil-bżonn; jistieden lill-Istati Membri jneħħu r-restrizzjonijiet ibbażati fuq l-età fis-sistemi ta' ħarsien soċjali u jiżguraw li ż-żgħażagħ ikollhom aċċess għal benefiċċji soċjali adegwati, abbażi ta' ttestjar tal-mezzi individwali, aktar milli tal-unitajiet domestiċi;

Or. en

Emenda 320
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21h. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal direttiva dwar

skemi adegwati ta' introjtu minimu, li tiggarantixxi appoġġ għall-introjtu li jiżgura ħajja dinjituża għal dawk kollha fil-bżonn, irrispettivament mill-età;

Or. en

Emenda 321
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012, isaħħu s-sistemi tagħhom għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali; iħeġġeġ l-adattament ta' dawn is-sistemi biex jintlaħqu NEETs vulnerabbli billi jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk responsabbli għall-validazzjoni, jew billi jiġu offruti arranġamenti speċifiċi, filwaqt li tiġi żgurata l-kwalità ta' dawn il-proċeduri;	22. Jistieden lill-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012***[32a]***, isaħħu s-sistemi tagħhom għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali; iħeġġeġ l-adattament ta' dawn is-sistemi biex jintlaħqu NEETs vulnerabbli billi jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk responsabbli għall-validazzjoni, ***tiġi diversifikata ċ-ċertifikazzjoni li tista' tinkiseb permezz tal-validazzjoni*** jew billi jiġu offruti arranġamenti speċifiċi, filwaqt li tiġi żgurata l-kwalità ta' dawn il-proċeduri; ***jenfasizza l-prattiki tajba ta' validazzjoni identifikati fl-inventarju Ewropew tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali***[33a]***, b'mod partikolari r-rabta mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u l-involviment tal-impjegaturi f'dawn il-proċeduri biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ċċertifikati;***

[32a] ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1-5.

[33a] https://www.cedefop.europa.eu/en/country-reports/european-inventory-on-validation.

Or. en

Emenda 322
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012, isaħħu ***s-sistemi*** tagħhom ***għall-validazzjoni tat-tagħlim*** mhux formali u informali; iħeġġeġ l-adattament ta' dawn is-sistemi biex jintlaħqu NEETs vulnerabbli billi jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk responsabbli għall-validazzjoni, jew billi jiġu offruti arranġamenti speċifiċi, filwaqt li tiġi żgurata l-kwalità ta' dawn il-proċeduri;	22. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012 ***u mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)***, ***biex*** isaħħu ***u jiżviluppaw aktar is-sistemi*** tagħhom ***għar-rikonoxximent u l-validazzjoni formali tal-ħiliet miksuba miż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-ġenituri żgħażagħ u l-indokraturi permezz ta' tagħlim*** mhux formali u informali***, bħall-edukazzjoni u l-indokrar informali, il-volontarjat u l-ħidma fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari fejn dawn il-ħiliet jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet f'setturi ewlenin***; iħeġġeġ l-adattament ta' dawn is-sistemi biex jintlaħqu NEETs vulnerabbli billi jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk responsabbli għall-validazzjoni, jew billi jiġu offruti arranġamenti speċifiċi, filwaqt li tiġi żgurata l-kwalità ta' dawn il-proċeduri;

Or. en

Emenda 323
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012, ***isaħħu s-sistemi tagħhom għall-validazzjoni*** tat-tagħlim mhux formali u informali; iħeġġeġ l-	22. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012, ***joħolqu sistema ta' validazzjoni fl-Unjoni kollha*** tat-tagħlim mhux formali u

adattament ta’ dawn is-sistemi biex jintlaħqu ***NEETs*** vulnerabbli billi jissaħħu l-kapaċitajiet ta’ dawk responsabbli għall-validazzjoni***, jew billi jiġu offruti arranġamenti speċifiċi, filwaqt li tiġi żgurata l-kwalità ta’ dawn il-proċeduri***;	informali; iħeġġeġ l-adattament ta’ dawn is-sistemi biex jintlaħqu ***n-NEETs, b’mod partikolari dawk li huma diffiċli biex jintlaħqu jew*** vulnerabbli***,*** billi ***jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-proċeduri u*** jissaħħu l-kapaċitajiet ta’ dawk responsabbli għall-validazzjoni;

Or. en

Emenda 324
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jissottolinja l-potenzjal tal-mikrokredenzjali bħala għodda komplementari għas-sistemi ta’ ċertifikazzjoni tal-ħiliet formali tal-RYG; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw qafas ta’ referenza Ewropew għall-mikrokredenzjali fil-VET li jikkombina perkors stabbilit — marbut mar-repożitorji tal-ħiliet nazzjonali u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki — ma’ perkors flessibbli li jista’ jiġi aġġornat bi profili tal-ħiliet emerġenti li jiġu rrapportati mis-suq tax-xogħol; jenfasizza li l-mikrokredenzjali jridu jikkonformaw ma’ standards ta’ kwalità verifikabbli, jipprevedu mekkaniżmi espliċiti ta’ rikonoxximent ta' min iħaddem u jkunu integrati mas-sistemi nazzjonali ta’ identifikazzjoni, validazzjoni u ċertifikazzjoni tal-ħiliet; jitlob li d-data dwar it-tfassil, il-ħruġ, l-użu u r-rikonoxximent tal-mikrokredenzjali tinġabar u tiġi analizzata b’mod sistematiku fil-livell Ewropew kemm bħala għodda ta’ informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol kif ukoll bħala mezz ta’ kif tiġi evalwata r-rilevanza tas-sistemi ta’ taħriġ;

Or. it

Emenda 325
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħammru lin-NEETs għal parteċipazzjoni b'sinifikat fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali permezz ta' żvilupp tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid integrati orizzontalment taħt l-RYG;

Or. en

Emenda 326
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jenfasizza li l-RYG ma tistax tilħaq l-objettivi tagħha mingħajr ma tindirizza b'mod effettiv id-diskrepanzi fil-ħiliet bażiċi u d-distakk diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni koordinata biex jagħlqu l-lakuni persistenti fin-numeriżmu funzjonali, il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali li jxekklu l-aċċess taż-żgħażagħ għal edukazzjoni, taħriġ u impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi u aċċessibbli, b'enfasi partikolari fuq l-intervent bikri u l-appoġġ għal dawk minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati;

Or. en

Emenda 327
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***22c. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq l-impjiegi taż-żgħażagħ u l-iskemi tal-RYG, b'attenzjoni partikolari għall-pożizzjonijiet fil-livell tad-dħul, kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tikkunsidra bir-reqqa s-sitwazzjoni tal-ħaddiema żgħażagħ fi kwalunkwe inizjattiva li jmiss dwar l-IA fuq il-post tax-xogħol; jissottolinja l-ħtieġa li l-IA tiġi inkluża fil-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex iż-żgħażagħ jiġu mgħammra għas-suq tax-xogħol fl-era diġitali;**

Or. en

Emenda 328
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***RYG*** lejn l-iżvilupp tal-ħiliet billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi u l-impjiegi sussidjati bħala miżura prestabbilita;	23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***tal-RYG*** lejn l-iżvilupp tal-ħiliet billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi u l-impjiegi sussidjati bħala miżura prestabbilita; ***ifakkar li l-għażla bejn l-erba' kategoriji ewlenin ta' offerti trid tkun ibbażata fuq l-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet individwali tal-benefiċjarji; huwa tal-fehma li t-traineeships u l-apprendistati taħt l-iskemi tal-RYG għandhom ikunu marbuta ma' impenji ta' reklutaġġ, u li l-offerti edukattivi**

jibbenefikaw jekk jiġu estiżi lil hinn mill-grupp ta' età ta' bejn il-15 u t-18-il sena;

Or. en

Emenda 329
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***RYG*** lejn l-iżvilupp ***tal-ħiliet*** billi jnaqqsu d-dipendenza fuq ***l-impjiegi*** u l-impjiegi sussidjati bħala miżura prestabbilita;	23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***tal-RYG*** lejn l-iżvilupp ***ta' ħiliet sostenibbli*** billi jnaqqsu d-dipendenza fuq ***il-kollokament fis-suq tax-xogħol primarju permezz tal-impjiegi*** u l-impjiegi sussidjati bħala miżura prestabbilita ***u minflok jippromwovu l-impjegabbiltà fit-tul permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità, inklużi r-reżiljenza mentali u tal-IA, apprendistati u traineeships ta' kwalità għolja u remunerati b'mod ġust, u skemi li jinċentivaw l-impenn ta' min iħaddem għal impjiegi sussegwenti, bħal vawċers ta' traineeship***;

Or. en

Emenda 330
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***RYG*** lejn l-iżvilupp tal-ħiliet billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi u l-impjiegi sussidjati bħala miżura	23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***tal-RYG*** lejn l-iżvilupp tal-ħiliet billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi u l-impjiegi sussidjati bħala

prestabbilita;	miżura prestabbilita; ***jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lit-taħriġ b'livell għoli ta' kwalità u lill-perkorsi vokazzjonali li jgħammru liż-żgħażagħ b'ħiliet li hemm domanda għalihom fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fis-setturi tekniċi, diġitali u industrijali fejn għad hemm nuqqas ta' ħiliet f'ħafna Stati Membri;***

Or. en

Emenda 331
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri ***jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi RYG lejn l-iżvilupp*** tal-ħiliet ***billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi*** u l-impjiegi sussidjati ***bħala miżura prestabbilita***;	23. Jistieden lill-Istati Membri ***jiżguraw il-provvista suffiċjenti ta' offerti għall-iżvilupp*** tal-ħiliet***, flimkien mal-impjiegi*** u l-impjiegi sussidjati***, taħt l-iskemi tal-RYG***; ***jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li t-traineeships offruti taħt l-RYG, inklużi dawk ipprovduti fil-qafas tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs), jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema;***

Or. en

Emenda 332
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***RYG*** lejn l-iżvilupp tal-ħiliet ***billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi u l-impjiegi sussidjati bħala miżura***	23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi ***tal-RYG*** lejn l-iżvilupp tal-ħiliet***, filwaqt li jiżguraw impjiegi ta' kwalità li jkunu stabbli, kompletament***

prestabbilita;	***remunerati u bi drittijiet soċjali u tal-ħaddiema sħaħ***;

Or. el

Emenda 333
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Istati Membri ***jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti*** pprovduti taħt l-iskemi ***RYG lejn l-iżvilupp*** tal-ħiliet ***billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi u l-impjiegi sussidjati bħala miżura prestabbilita***;	23. Jistieden lill-Istati Membri ***jsaħħu l-kwalità tal-offerti*** pprovduti taħt l-iskemi ***tal-RYG billi jtejbu l-aċċess għall-iżvilupp*** tal-ħiliet ***u l-opportunitajiet tat-taħriġ***;

Or. en

Emenda 334
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jisħaq fuq il-valur ta' inċentivi mmirati u mmonitorjati bħas-sussidji tal-pagi biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' NEETs vulnerabbli; jirrakkomanda analiżi ex ante u ex post tal-inċentivi finanzjarji mogħtija lill-min iħaddem sabiex jiġi evitat is-sussidjar ta' impjiegi li kienu jeżistu mingħajr l-assistenza pubblika u biex jiġi żgurat li l-kollokamenti taħt l-iskemi tal-RYG ma jiħdux post kuntratti permanenti; jenfasizza r-responsabbiltà soċjali korporattiva tal-kumpaniji, li għandha tinkludi wkoll miżuri għan-NEETs u

shubiji mal-iskejjel biex iż-żgħażagħ isiru jafu dwar varjetà ta' opportunitajiet ta' karriera; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna l-SMEs, li jeħtieġu aktar informazzjoni u appoġġ sabiex jipparteċipaw fl-iskemi tal-RYG;

Or. en

Emenda 335
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni u l-iżgurar tar-rikonoxximent u l-integrazzjoni ugwali tal-apprendistati u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fis-sistemi edukattivi, f'konformità mal-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi; jenfasizza r-rwol ewlieni tagħhom biex jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali taż-żgħażagħ u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġi fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jespandu b'mod attiv l-aċċess għal apprendistati u VET b'livell għoli ta' kwalità permezz ta' offerti tal-RYG biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-NEETs f'dawn il-perkorsi;

Or. en

Emenda 336
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

23a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-personalizzazzjoni inkrementali ta' taħriġ u/jew offerti ta' impjiegi ta' kwalità taħt l-iskemi tal-RYG sabiex ikunu kapaċi jilħqu l-gruppi l-aktar vulnerabbli u/jew inattivi, b'mod partikolari r-residenti żgħażagħ ta' żoni remoti f'reġjuni żvantaġġati;

Or. it

Emenda 337
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Iheġġeġ lill-Istati Membri ma jagħtux prijorità lill-miri kwantitattivi (kollokament rapidu f'impjieg) fuq kriterji ta' kwalità ffukati fuq prospetti ta' karriera fit-tul, aċċess għat-taħriġ, u opportunitajiet għal avvanz ekonomiku;

Or. en

Emenda 338
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-offerti ta' traineeships taħt l-RYG jiggarantixxu trattament ugwali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga u l-protezzjoni soċjali, u huma aċċessibbli u adattati għall-ħtiġijiet individwali tan-NEETs, inklużi dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli li jiffaċċjaw ostakli

addizzjonali bħal diżabbiltà, kundizzjonijiet tas-saħħa jew responsabbiltajiet tal-indokrar; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ebda traineeship taħt l-RYG ma jikkontribwixxi għad-dumping soċjali, għad-dumping tal-pagi jew għall-faqar fost dawk li jaħdmu fil-każ taż-żgħażagħ, u li l-offerti kollha jitfasslu u jiġu implimentati biex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-inklużività;

Or. en

Emenda 339
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-progress ekonomiku u l-karrieri sostenibbli u fit-tul;

Or. en

Emenda 340
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li t-taħriġ u l-edukazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ma jiffukawx fuq profili tal-impjiegi statiċi, iżda fuq "ħiliet umani" trasversali bħall-ħsieb kritiku, il-kreattività, l-intelliġenza emozzjonali u l-kapaċitajiet interpersonali li l-IA ma tistax tissostitwixxi;

Or. en

Emenda 341
Niels Geuking, Pascal Arimont, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23d. Jappella għal mobbiltà tat-tagħlim aċċessibbli għaż-żgħażagħ biex jitrawwem it-tagħlim tul il-ħajja; iħeġġeġ finanzjament immirat biex jintlaħqu u jiġu inklużi persuni b'inqas opportunitajiet, b'mod partikolari n-NEETs, li sikwit jiġu injorati mill-miżuri ta' inklużjoni ġenerali;

Or. en

Emenda 342
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23e. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu jew jespandu l-għotjiet għall-mobbiltà biex jappoġġjaw liż-żgħażagħ li jwettqu edukazzjoni, apprendistati jew taħriġ vokazzjonali f'reġjuni li mhumiex il-post ta' residenza tagħhom; jinnota li, kif muri mill-aħjar prattiki nazzjonali, l-għotja għall-mobbiltà tista' tkopri sa żewġ vjaġġi bir-ritorn fix-xahar lejn id-dar tal-familja matul l-ewwel sena ta' taħriġ, u b'hekk tippromwovi l-mobbiltà ġeografika, tnaqqas id-disparitajiet reġjonali fl-għoti tat-taħriġ, u żżid il-parteċipazzjoni fi programmi ta' VET b'livell għoli ta' kwalità;

Or. en

Emenda 343
Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23f. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu "bonuses fiskali tat-tlestija" għaż-żgħażagħ li jlestu b'suċċess apprendistati, traineeships jew programmi tal-VET iċċertifikati, bħala inċentiv biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola u tiġi promossa l-kisba tal-kwalifiki;

Or. en

Emenda 344
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23g. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtaffu l-pressjoni fuq is-suq tal-akkomodazzjoni billi jipprovdu inċentivi għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjalment affordabbli għaż-żgħażagħ sal-età ta' 30 sena, "akkomodazzjoni għaż-żgħażagħ", ibbażata fuq standards ta' disinn inklużivi u universali;

Or. en

Emenda 345
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 346
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 347
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat	***imħassar***

għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;

Or. en

Emenda 348
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 349
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;	***imħassar***

Or. el

Emenda 350
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;	24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli; ***iqis li l-integrazzjoni tal-opportunitajiet ta' volontarjat fl-iskemi tal-RYG tista' tinkiseb billi jinħolqu sinerġiji mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà; huwa tal-fehma li dawn l-opportunitajiet ta' volontarjat għandhom ikunu akkumpanjati minn riżorsi addizzjonali għall-forniturі tal-RYG għall-implimentazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet ġodda, u biex jiġi żgurat li l-fondi eżistenti għall-opportunitajiet ta' impjiegi u taħriġ ma jiġux riallokati;***

Or. en

Emenda 351
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;	24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat***, b'rabta mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u mal-Erasmus***+; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;

Or. en

Emenda 352
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jenfasizza li huma meħtieġa sforzi akbar biex jiġi implimentat il-komponent tal-inklużjoni tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jmexxu bl-eżempju billi jippromwovu r-reklutaġġ ta' NEETs vulnerabbli fl-amministrazzjoni pubblika; iħeġġeġ lill-Istati Membri jassenjaw għall-benefiċjarji maniġer tal-każijiet iddedikat b'kuntratt permanenti u jiżviluppaw, kemm jista' jkun, impenn individwali sinifikanti biex jipprovdu b'mod effettiv is-servizzi meħtieġa u xierqa għat-tul tal-iskema; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkonsultaw u jżidu l-parteċipazzjoni b'sinifikat taż-żgħażagħ fit-tfassil ta' mudelli ta' intervent immirati lejhom u fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RYG; jisħaq fuq l-importanza li jiġu implimentati l-Istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza b'mod trasversali u li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-istigma sabiex jinħoloq il-qafas meħtieġ għall-inklużjoni tan-NEETs;

Or. en

Emenda 353
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu

l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali, filwaqt li jirrikonoxxu li l-ħaddiema skoraġġuti u dawk b'responsabbiltajiet ta' indokrar jirrikjedu strateġiji ta' involviment fundamentalment differenti minn żgħażagħ qiegħda għal żmien qasir, u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp il-prijorità ewlenija tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG;

Or. en

Emenda 354
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jipprojbixxu internships mhux imħallsa;

Or. el

Emenda 355
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċi mmirati għal sottogruppi speċifiċi ta' NEETs, bħan-nisa, iż-żgħażagħ fiż-żoni rurali, iż-żgħażagħ b'diżabbiltà, iż-żgħażagħ li jgħixu fl-istituzzjonijiet u r-Rom, inklużi skemi ta' impjiegi flimkien ma' taħriġ; jenfasizza l-importanza ta' programmi speċifiċi għan-NEETs li jerġgħu jidħlu f'din il-kategorija, sabiex jinkiser iċ-ċirku

ta' vulnerabbiltà u ż-żgħażagħ jiġu megħjuna joħorġu mill-iskemi tal-RYG b'mod permanenti; jemmen li dawn l-interventi jridu jqisu l-ġeneru, l-istatus soċjoekonomiku, is-saħħa mentali u l-isfond tal-benefiċjarji sabiex jipprovdu rispons xieraq;

Or. en

Emenda 356
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jirrikonoxxi li l-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija għodda qawwija biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni fost it-tfal billi jiġi żgurat li t-tfal kollha jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni u l-akkomodazzjoni. Jekk tiġi implimentata b'mod komplut, din tista' tittrasforma għadd kbir ta' ħajjiet u tagħti bidu ġust lil kull tifel u tifla. Jappella, f'dan ir-rigward, għal Garanzija Ewropea għat-Tfal iffinanzjata bis-shiħ, b'baġit ta' mill-inqas EUR 20 biljun;

Or. en

Emenda 357
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jistieden lill-UE tipprojbixxi l-forom kollha ta' pagi "tat-trainees" li huma aktar baxxi mill-paga minima applikabbli;

Or. el

Emenda 358
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jinnota bi tħassib li l-ommijiet żgħażagħ jiffaċċjaw riskju ferm ogħla ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol u ta' status ta' NEETs minħabba responsabbiltajiet ta' indokrar sproporzjonati; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ immirat u integrat għall-ommijiet żgħażagħ f'riskju ta' faqar, inklużi l-ommijiet waħedhom, b'mod partikolari permezz tal-għoti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal mingħajr ħlas jew issussidjati u aċċess prijoritarju għas-servizzi pubbliċi tal-kura tat-tfal; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżviluppaw perkorsi ta' attivazzjoni mfassla apposta li jħalltu formati flessibbli u modulari ta' edukazzjoni u taħriġ, inklużi għażliet ta' tagħlim part-time u mill-bogħod, traineeships imħallsa u apprendistati ma' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, kif ukoll servizzi ta' mentoraġġ u gwida għall-karriera; jenfasizza li edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli, aċċessibbli u b'livell għoli ta' kwalità huma prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni effettiva u sostenibbli tal-ommijiet żgħażagħ fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol u biex jinkisru ċ-ċikli tal-faqar interġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 359
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24d. Jenfasizza li l-mentoraġġ huwa mekkaniżmu ta' intervent effettiv u kosteffiċjenti li jista' jgħin biex tinbena r-reżiljenza u tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali fost il-benefiċjarji tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ ta' mentoraġġ bħala parti mill-iskemi tal-RYG tagħhom biex jinħoloq il-kuntatt bejn voluntiera mħarrġa u benefiċjarji żgħażagħ fuq bażi volontarja; jindika li dan il-mentoraġġ għandu jkun disponibbli qabel il-kollokament, matul il-fażi preparatorja, iżda wkoll wara l-kollokament, sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni sostenibbli;

Or. en

Emenda 360
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24e. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità tal-offerti billi jqabblu aħjar il-profili tan-NEETs mal-offerti riċevuti u billi jtejbu l-monitoraġġ tal-kollokamenti b'indikaturi tal-kwalità; jistieden lill-Istati Membri jesploraw il-possibbiltà ta' ċertifikazzjoni jew tikketti tal-kwalità għal min iħaddem jew għal organizzazzjonijiet li jikkonformaw mal-oqfsa ta' kwalità Ewropej jew nazzjonali jew li saħansitra jeċċeduhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' twissija ta' wara l-kollokament għall-forniturі u l-benefiċjarji tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ kif ukoll li jissaħħu l-kontrolli mwettqa mill-ispettorati tax-xogħol;

Or. en

Emenda 361
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 362
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG;	25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni ***biex tadotta standards vinkolanti*** dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG; ***dawn l-istandards ikunu jinkludu kriterji bħal:*** ***- paga ġusta bbażata fuq paga li tiggarantixxi l-għajxien;*** ***- aċċess għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u post tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa;*** ***- aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba;*** ***- informazzjoni u proċeduri trasparenti;*** ***- il-forniturijkunu eliġibbli biss jekk ma jużawx finanzjament pubbliku biex jissostitwixxu l-impjiegi;*** ***- prijoritizzazzjoni ta' offerti personalizzati u approċċ iċċentrat fuq il-persuna;*** ***- xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom u aċċess għall-protezzjoni tas-sigurtà***

soċjali;

- irbit tal-finanzjament pubbliku mar-rispett għall-istandards ta' kwalità;

- monitoraġġ indipendenti;

Or. en

Emenda 363
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG;	25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG***, li jkollu l-għan li jsaħħaħ jew joħloq oqfsa nazzjonali u reġjonali f'konformità mal-oqfsa Ewropej, iżda wkoll li joħloq qafas Ewropew ta' kwalità għall-volontarjat***; ***jistieden lill-Kummissjoni tinkludi miżuri speċifiċi għall-impjieg taż-żgħażagħ fl-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità, b'mod partikolari biex tiżgura s-sostenibbiltà ta' forom ġodda ta' xogħol fejn iż-żgħażagħ huma rrappreżentati żżejjed; jitlob li jiġu konklużi n-negozjati dwar id-Direttiva dwar it-Traineeships sabiex jiġi pprovdut qafas ta' kwalità ċar u robust għat-traineeships offruti taħt l-iskemi tal-RYG;***

Or. en

Emenda 364
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi	25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi

metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG;	metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG***, iffukat fuq l-iżvilupp ta' indikaturi komuni, standards minimi ta' kwalità inkluża paga ġusta bbażata fuq paga li tiggarantixxi l-għajxien u aċċess għall-protezzjoni tas-sigurtà soċjali, u oqfsa ta' monitoraġġ***;

Or. en

Emenda 365
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Kummissjoni ***tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità*** tal-offerti tal-RYG;	25. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jiżguraw l-iskambju regolari tal-aħjar prattiki, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, dwar miżuri effettivi li jtejbu l-kwalità*** tal-offerti tal-RYG ***u jiżguraw li dawn jipprovdu pont stabbli għal edukazzjoni, taħriġ jew impjieg ta' kwalità***;

Or. en

Emenda 366
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG;	25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG ***u tidentifika indikaturi ta' valutazzjoni komuni speċifiċi***;

Or. it

Emenda 367
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li t-traineeships offruti fl-ambitu tal-RYG jiġu remunerati b'mod ġust, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-oqfsa nazzjonali applikabbli, u abbażi ta' objettivi ta' tagħlim u taħriġ definiti b'mod ċar u ftehim ta' traineeship bil-miktub, u ma għandhomx jaqbżu durata ta' 6 xhur, u lanqas ma għandhom jippermettu traineeships multipli jew konsekuttivi mwettqa mill-istess persuna mal-istess impjegatur b'mod li jirriskja li ż-żgħażagħ jinqabdu f'kollokamenti suċċessivi mingħajr drittijiet ta' impjieg jew protezzjoni soċjali adegwati; jenfasizza li t-traineeships mhux imħallsa ma jridux jiffurmaw parti minn politiki attivi strutturati tas-suq tax-xogħol (ALMPs); jappella biex id-Direttiva dwar it-Traineeships li jmiss tkun ambizzjuża u komprensiva, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tat-trainees, inkluż id-dritt li traineeship jintemm mingħajr preġudizzju f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, u jappella għall-konklużjoni rapida tan-negozjati;

Or. en

Emenda 368
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

25a. Jirrikonoxxi l-mudell ta' punt uniku ta' servizz bħala l-aktar mod effettiv biex jiġi pprovdut appoġġ adegwat lill-benefiċjarji żgħażagħ tal-RYG u biex jiġi evitat li ż-żgħażagħ isiru NEETs; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw dawn iċ-ċentri b'limitu baxx madwar il-pajjiż sabiex itejbu l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni għan-NEETs u jipprovdu gwida tul il-ħajja, pariri dwar l-edukazzjoni, is-saħħa, l-appoġġ soċjali u l-ħidma fost iż-żgħażagħ f'post wieħed; iħeġġeġ lill-Istati Membri li għad m'għandhomx din il-kultura ta' approċċ integrat biex jintroduċu l-prinċipju ta' riferiment, sabiex jirreferu talba lil servizz kompetenti ieħor jekk dak ikkuntattjat ma jkunx jista' jipproċessaha;

Or. en

Emenda 369
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jissottolinja n-nuqqas ta' definizzjoni legali ta' "traineeship" f'ċerti Stati Membri u jistieden kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni jaħdmu biex jistabbilixxu definizzjoni komuni; f'dan ir-rigward, jappella għal Direttiva tal-UE dwar it-Traineeships biex iż-żgħażagħ li jfittxu traineeships jiġu protetti mill-isfruttament u biex jiġi żgurat li jiġu kkumpensati biżżejjed, u b'hekk imħallsa bis-sħiħ;

Or. en

Emenda 370
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-appoġġ immirat u l-koordinazzjoni tal-politika f'pajjiżi li qed jiffaċċjaw qgħad strutturali fost iż-żgħażagħ, u tiżgura li l-istrumenti tal-UE jindirizzaw b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq tax-xogħol li ilhom jeżistu;

Or. en

Emenda 371
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi qafas ta' kwalità vinkolanti għall-RYG b'mekkaniżmi robusti ta' monitoraġġ u infurzar, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Pont għall-Impjiegi — It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ"[1a]; jisħaq li kriterji ta' kwalità vinkolanti jridu jiżguraw li l-offerti kollha jkunu allinjati mal-prinċipji rilevanti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jipprovdu opportunitajiet ġenwini ta' tagħlim u taħriġ li jtejbu l-impjegabbiltà u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol, u jinkludu reklutaġġ, rikonoxximent u ċertifikazzjoni trasparenti tal-ħiliet miksuba, u mekkaniżmi tal-ilmenti aċċessibbli; jitlob li l-offerti kollha ta' impjieg u traineeships jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, remunerazzjoni ġusta, aċċess għall-protezzjoni soċjali, taħriġ u gwida għall-karriera, perjodi ta' prova

raġonevoli u l-projbizzjoni tal-abbuż ta' kuntratti atipiċi; jisħaq li l-konformità ma' dawn l-istandards għandha tkun kundizzjoni għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni taħt l-iskemi tal-RYG;

[1a] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01

Or. en

Emenda 372
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE dwar is-saħħa mentali taż-żgħażagħ, filwaqt li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet reċenti tagħha u tislet tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19, b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni, l-intervent bikri u l-benesseri mentali taż-żgħażagħ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess f'waqtu, aċċessibbli u mhux diskriminatorju għas-servizzi tas-saħħa mentali għaż-żgħażagħ, fis-sistemi tas-saħħa pubblika u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali, u jiżviluppaw miżuri ta' tħejjija speċifiċi għaż-żgħażagħ biex jipprevjenu li ż-żgħażagħ jiġu affettwati b'mod sproporzjonat fi kriżijiet futuri;

Or. en

Emenda 373
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u politiki oħra, bħall-akkomodazzjoni, is-saħħa u s-saħħa mentali, il-familja, it-trasport u l-iżvilupp reġjonali; l-Istati Membri jistgħu jesploraw aktar l-istabbiliment ta' timijiet multidixxiplinari u/jew mudelli ta' servizzi integrati b'limitu baxx, bħal punti uniċi ta' servizz;

Or. en

Emenda 374
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu taħriġ preparatorju addizzjonali ("taħriġ prevokazzjonali") jew programmi ta' tranżizzjoni li għandhom jiġu offruti lil kull persuna żagħżugħa, li tkun telqet mill-iskola kmieni jew li l-edukazzjoni tagħha tkun ġiet interrotta minħabba responsabbiltajiet tal-familja, sabiex tissaħħaħ it-thejjija tal-ħiliet u jittejbu l-perkorsi lejn l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg; jisħaq li dawn il-programmi jridu jkunu aċċessibbli b'mod partikolari għall-ġenituri żgħażagħ u għall-adulti żgħażagħ waħedhom, filwaqt li jitqiesu r-responsabbiltajiet ta' indokrar tagħhom

permezz ta' skedi flessibbli u, fejn xieraq, indokrar tat-tfal integrat;

Or. en

Emenda 375
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25d. Jistieden lill-Istati Membri, fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha, irrispettivament mill-edukazzjoni jew il-motivazzjoni preċedenti, ikunu jistgħu jaċċessaw l-użu ta' għodda għat-tagħlim tal-korsijiet tal-IA b'limitu baxx, l-etika, il-protezzjoni tad-data, u l-limiti tal-IA, speċjalment għal dawk li qabel ma kinux midħla tat-teknoloġija, biex jiġi evitat distakk diġitali ġdid;

Or. en

Emenda 376
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25e. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu mentoraġġ u appoġġ psikosoċjali għaż-żgħażagħ li jsibu l-IA intimidanti, jgħinuhom jegħlbu l-biżgħat u jiżviluppaw il-kunfidenza u l-kapaċità biex jużaw dawn it-teknoloġiji;

Or. en

Emenda 377
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25f. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw liż-żgħażagħ biex isiru intraprendituri li jaħdmu waħedhom jew imexxu mikrointrapriżi mingħajr kapital kbir biex jibdew negozju, jużaw l-IA biex jissostitwixxu infrastruttura għalja (eż. il-kontabbiltà, il-kummerċjalizzazzjoni, l-ipprogrammar) u jrawmu l-indipendenza ekonomika, speċjalment għaż-żgħażagħ minn unitajiet domestiċi mhux akkademiċi;

Or. en

Emenda 378
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 379
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE;	26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE; ***jisħaq li dan il-finanzjament tal-UE għandu primarjament jappoġġja l-iżvilupp ta' miżuri innovattivi u l-espansjoni, u ma għandux jissostitwixxi l-fondi nazzjonali preeżistenti; jappella għall-introduzzjoni ta' traċċar tal-baġit fuq in-nefqa relatata mal-RYG fil-livell tal-UE, akkumpanjat minn indikatur nazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jissupplimentaw il-fondi Ewropej b'fondi nazzjonali proporzjonati mal-isfidi assoċjati mal-indikaturi aggregati fl-Istat Membru tagħhom, u jipprovdu tqassim ċar tan-nefqa relatata mal-RYG;***

Or. en

Emenda 380
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni ***tal-fondi tal-UE***;	26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni ***eżistenti fi ħdan FSE awtonomu u separat futur, inkluż l-obbligu għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE li jallokaw mill-inqas 12,5 % tar-riżorsi tal-FSE għal azzjonijiet li jappoġġjaw l-impjieg taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg***;

Or. en

Emenda 381
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE;	26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG ***ta' wara l-2027*** fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE***, sabiex jiżguraw il-koerenza, jippromwovu s-sinerġiji, jikkomplementaw l-istrateġiji u l-baġits nazzjonali u jwessgħu l-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena madwar l-Unjoni***;

Or. en

Emenda 382
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE;	26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE; ***jesprimi tħassib serju, f'dan il-kuntest, dwar it-tnaqqis fil-finanzjament immirat għall-impjieg taż-żgħażagħ f'żoni rurali u periurbani fil-kuntest tal-QFP li jmiss;***

Or. el

Emenda 383
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG*** fil-QFP li jmiss***, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE***;	26. ***Jirrikonoxxi li l-RYG tista' tkun għodda importanti biex tgħin liż-żgħażagħ jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom, f'dan ir-rigward*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiżguraw li l-pakkett tagħha*** fil-QFP li jmiss ***jiġi protett u miżjud***;

Or. en

Emenda 384
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, ***b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni*** tal-fondi tal-UE;	26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, ***filwaqt li jiżguraw monitoraġġ strett, trasparenza u evalwazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni tal-użu*** tal-fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 385
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jallokaw finanzjament adegwat*** għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE;	26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jżidu b'mod sinifikanti l-finanzjament pubbliku u tal-UE*** għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE;

Or. el

Emenda 386
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jisħaq li parti mir-riżorsi għandha tintuża biex ittejjeb il-kapaċità amministrattiva għall-assorbiment tar-riżorsi, bl-għoti ta' taħriġ għall-forniturи tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-iżvilupp ta' sett ta' għodod dwar l-użu tal-fondi; huwa tal-fehma li dan it-titjib fil-kapaċità għandu jkun ta' benefiċċju wkoll għas-sħab soċjali, għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u għall-NGOs biex jiżviluppaw proġetti; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi programm ġdid ta' finanzjament fuq skala żgħira għall-partijiet ikkonċernati li jaħdmu man-NEETs fil-livell lokali, sabiex jiżdiedu l-użu u l-firxa tal-fondi tal-UE fit-territorji kollha;

Or. en

Emenda 387
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja, permezz ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus, azzjonijiet biex tinforma u tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq tax-xogħol, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, inklużi

t-trade unions;

Or. el

Emenda 388
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Ifakkar li l-impjieg taż-żgħażagħ irid jibqa' waħda mill-prijoritajiet ta' investiment tal-FSE+ li jmiss u jisħaq li l-RYG u l-politiki taż-żgħażagħ imfassla tajjeb mhumiex kostijiet baġitarji, iżda investimenti fin-nies; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jiġi protett u miżjud baġit awtonomu tal-FSE+ fil-QFP li jmiss;

Or. en

Emenda 389
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura;	27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura ***b'mod partikolari fir-rigward tal-indikaturi ta' segwitu u r-riżultati attwalment mhux magħrufa***; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsibu soluzzjonijiet biex jegħlbu l-ostakli legali u amministrattivi għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn is-servizzi u l-amministrazzjonijiet, filwaqt li jirrispettaw il-privatezza tan-NEETs ikkonċernati; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, l-***

identifikazzjoni ċara tal-awtorità jew l-awtoritajiet responsabbli mill-ġbir tad-data fl-ambitu tal-iskemi tal-RYG, l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-data b'identifikatur uniku bejn l-amministrazzjonijiet fi ħdan is-sistemi nazzjonali u l-pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-GDPR biex tiġi evitata kwalunkwe interpretazzjoni ħażina; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri bl-aktar oqfsa ta' monitoraġġ nazzjonali jew lokali dgħajfa bl-għan li jsaħħu u jħarrġu lill-persunal iddedikat sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 390
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini ***tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura***;	27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG***,*** f'termini ***ta' data, kwalità u kopertura; jappella għal miżuri mmirati biex jiġu indirizzati l-ostakli strutturali, amministrattivi u legali li jimblukkaw il-kondiviżjoni effettiva tad-data, il-koordinazzjoni bejn is-servizzi, u t-trasparenza fl-użu tar-riżorsi pubbliċi***; ***jappella għall-ġbir ta' data diżaggregata u kwalitattiva msaħħa, li tiġbor fiha mhux biss l-istatus tal-impjieg iżda wkoll il-kwalità tal-impjieg, it-tip ta' kuntratt, ir-remunerazzjoni, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u l-isfond soċjoekonomiku, sabiex jiġu identifikati aħjar dawk appoġġjati u dawk li tħallew lura; jappella għal monitoraġġ ta' segwitu msaħħaħ wara l-ħruġ mill-programm, inkluż dwar il-***

kundizzjonijiet tal-impjieg;

Or. en

Emenda 391
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura;	27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura; ***jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu spinta lill-ġbir ta' data komparabbli dwar ir-riżultati fit-tul tal-RYG, speċjalment fir-rigward taż-żamma tal-impjiegi, il-kwalità tal-impjiegi, l-iżvilupp professjonali u r-riskju li persuna tispiċċa qiegħda jew terġa' taqa' taħt il-kategorija NEET;***

Or. el

Emenda 392
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura;	27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura***, billi jiġbru data komprensiva, f'waqtha u diżaggregata dwar il-parteċipanti kollha li tkun sensittiva għall-ġeneru, l-isfond ta' migrazzjoni, id-diżabilità u l-pożizzjoni remota taż-żona tal-għajxien***;

Or. en

Emenda 393
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura;	27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura; ***speċjalment fir-rigward tal-livell ta' segwitu;***

Or. en

Emenda 394
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-qafas ta' monitoraġġ tal-RYG u tiżviluppa sett komuni għall-Unjoni kollha ta' indikaturi kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, inklużi r-rata ta' impjieg temporanju u part-time involontarju, ir-rata ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, it-tip u t-tul ta' żmien tal-impjieg, it-traineeships u l-apprendistati diżaggregati skont it-tip ta' offerta, il-livelli ta' remunerazzjoni ta' kull xahar, u l-feedback kwalitattiv miż-żgħażagħ dwar il-kwalità tal-offerti; jistieden lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni komprensiva qabel iċ-ċiklu ta' politika li jmiss, bl-għan li żżid l-adozzjoni minn NEETs vulnerabbli u ttejjeb il-kwalità tal-offerti pprovduti fl-

ambitu tal-RYG;

Or. en

Emenda 395
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taġġorna l-qafas tal-indikaturi; jissuġġerixxi li dan jiġi kkomplementat bl-indikaturi aggregati tar-rata ta' impjieg temporanju involontarju (dawk li għandhom bejn il-15 u d-29 sena) u r-rata ta' dawk f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali (dawk li għandhom bejn il-15 u d-29 sena); fir-rigward tal-monitoraġġ dirett, jissuġġerixxi li dan jiġi aġġornat bl-indikaturi li ġejjin: it-tip u t-tul tat-traineeship fl-impjieg u tal-apprendistat diżaggregati skont it-tip ta' offerta; il-livell ta' remunerazzjoni ta' kull xahar diżaggregat skont it-tip ta' offerta, u l-livell ta' protezzjoni tas-sigurtà soċjali pprovdut mill-offerta; u informazzjoni kwalitattiva miġbura direttament miż-żgħażagħ dwar il-kwalità tal-esperjenza tagħhom;

Or. en

Emenda 396
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jissottolinja l-importanza li titkompla l-integrazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-istrateġiji għall-

impjieg taż-żgħażagħ fil-proċess tat-tkabbir; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli bl-isforzi ta' finanzjament taħt il-QFP li jmiss, filwaqt li timmonitorja l-użu rigoruż ta' dawn il-fondi u tagħmel enfasi fuq il-bini tal-kapaċità; jistieden lill-kandidati tat-tkabbir jipprovdu finanzjament nazzjonali adegwat biex jiżguraw l-espansjoni u s-sostenibbiltà tal-programmi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, u jħeġġeġ it-tagħlim bejn il-pari fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 397
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-mekkaniżmi ta' verifika tas-sistema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ biex jiżguraw l-identifikazzjoni preċiża tal-benefiċjarji eliġibbli, trasparenza u traċċabbiltà mtejba fi proċessi amministrattivi, u salvagwardji kontra inċentivi perversi li jistgħu jfixklu l-objettiv li jiġu appoġġjati ż-żgħażagħ li jiffaċċjaw esklużjoni ġenwina u sostnuta mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 398
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

27b. Jemmen li l-implimentazzjoni tal-RYG teħtieġ impetu ġdid u djalogu mġedded mal-Istati Membri; jisħaq f'dan il-kuntest fuq l-opportunità pprovduta mill-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-EPRS biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-RYG u tiġi adottata mira aktar ambizzjuża għat-tnaqqis tar-rata tan-NEET; jilqa' l-inizjattiva li tiġi stabbilita Garanzija tal-Ħiliet u jitlob li din tinkludi dimensjoni għan-NEETs żgħażagħ;

Or. en

Emenda 399
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika, fejn xieraq, monitoraġġ imsaħħaħ f'pajjiżi li jiffaċċjaw qgħad strutturali fost iż-żgħażagħ, u tiżgura li l-istrumenti tal-UE jindirizzaw b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq tax-xogħol li ilhom jeżistu;

Or. en

Emenda 400
Hristo Petrov, Irena Joveva, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27c. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mis-Semestru Ewropew biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-RYG, bl-użu ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fejn xieraq, u tuża l-qafas ta'

konverġenza soċjali biex tmexxi l-implimentazzjoni tagħha fl-UE kollha, inkluż l-governanza u l-kapaċità tagħha; jistieden lill-Kummissjoni terġa' ddaħħal ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ bħala indikatur ewlieni fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fid-dawl tar-riskji potenzjali tagħha għall-istabbiltà makroekonomika;

Or. en

Emenda 401
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27c. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ huma msaħħa fil-qafas tal-istrutturi ta' governanza tal-UE eżistenti, inkluż is-Semestru Ewropew, b'mod proporzjonat u effiċjenti;

Or. en

Emenda 402
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqajmu għarfien dwar l-RYG u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli fost l-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni, in-negozji u ż-żgħażagħ, inkluż permezz ta' strateġiji ta'

komunikazzjoni nazzjonali bl-użu ta' kanali multipli, bħal kampanji tal-media soċjali, biex jintlaħqu dawk l-aktar diffiċli biex jintlaħqu;

Or. en

Emenda 403
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. ***Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tadotta deċiżjonijiet wara l-proċedura*** leġiżlattiva ordinarja ***diretta lejn l-Istati*** Membri ***li r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u tan-NEET tagħhom huma ogħla mill-medja tal-UE***;	28. jistieden lill-Kummissjoni ***tappoġġja b'mod attiv lill-Istati Membri ħalli jiksbu l-objettivi tal-RYG; jisħaq li kwalunkwe miżura vinkolanti għall-Istati Membri trid tiġi adottata f'konformità mal-proċedura*** leġiżlattiva ordinarja ***stabbilita fl-Artikolu 294 tat-TFUE, bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE; jitlob li kwalunkwe obbligu vinkolanti għall-Istati*** Membri ***jimxi id f'id mal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni li jkunu proporzjonati għall-objettivi li ġew stabbiliti; jitlob li, meta tiżviluppa kwalunkwe miżura jew rakkomandazzjoni ta' appoġġ, il-Kummissjoni tqis l-ispeċifiċitajiet strutturali, istituzzjonali u territorjali ta' kull Stat Membru***;

Or. it

Emenda 404
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum; jistieden lill-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet wara l-proċedura leġiżlattiva ordinarja diretta lejn l-Istati Membri li r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u tan-NEET tagħhom huma ogħla mill-medja tal-UE;	28. Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum***, b'sitwazzjonijiet partikolarment kritiċi f'xi Stati Membri***; jistieden lill-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet wara l-proċedura leġiżlattiva ordinarja diretta lejn l-Istati Membri li r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u tan-NEET tagħhom huma ogħla mill-medja tal-UE; ***jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tħejji rapport speċjali dwar l-implimentazzjoni tal-RYG;***

Or. en

Emenda 405
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum; jistieden lill-Kummissjoni ***tadotta deċiżjonijiet wara l-proċedura leġiżlattiva ordinarja diretta lejn l-Istati*** Membri li ***r-rati tal-qgħad*** fost iż-żgħażagħ u tan-NEET ***tagħhom huma ogħla*** mill-medja tal-UE;	28. Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum; jistieden lill-Kummissjoni ***tappoġġja u tikkoordina l-iskambji tal-aħjar prattiki u tipprovdi gwida mmirata u mhux vinkolanti lill-Istati*** Membri li ***qed jiffaċċjaw rati ogħla ta' qgħad*** fost iż-żgħażagħ u tan-NEET mill-medja tal-UE***, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u l-ispeċifiċitajiet tas-suq tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 406
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum; ***jistieden lill-Kummissjoni tadotta*** deċiżjonijiet ***wara l-proċedura leġiżlattiva ordinarja diretta lejn l-Istati*** Membri ***li r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u tan-NEET tagħhom huma ogħla mill-medja tal-UE***;	28. Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum; ***ifakkar li l-politika dwar l-impjieg u l-edukazzjoni tibqa' l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u jirrifjuta kwalunkwe tentattiv mill-Kummissjoni li timponi*** deċiżjonijiet ***minn fuq għal isfel li jippenalizzaw lill-Istati*** Membri;

Or. fr

Emenda 407
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jisħaq li l-RYG għandha tgħin ukoll biex tnaqqas l-inugwaljanzi reġjonali u l-għadd ta' żgħażagħ li huma mġiegħla jitilqu minn żoni b'opportunitajiet limitati ta' xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri mmirati għaż-żoni rurali, insulari, muntanjużi u remoti, biex jiżguraw li l-pożizzjoni ġeografika ma taġixxix bħala fattur ta' esklużjoni għaż-żgħażagħ;

Or. el

Emenda 408
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-eżiti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għall-ġenituri żgħażagħ (15–29), speċjalment il-ġenituri waħedhom, billi ssegwi r-rati ta' impjieg, ta' taħriġ u tal-NEETs separatament, u tirrapportahom kull sena biex tivvaluta l-effettività u tiggwida l-politiki mmirati;

Or. en